**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**2018/0112(COD)**

26.11.2018

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online
(COM(2018)0238 – C8-0165/2018 – 2018/0112(COD))

Rapporteur għal opinjoni (*): Francis Zammit Dimech

(*) Associated committee – Rule 54 of the Rules of Procedure

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta għal regolament dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online (ir-regolament "P2B") saret bħala riżultat dirett ta' appelli mill-Parlament fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar il-pjattaformi online u s-suq uniku diġitali[1].

F'opinjoni tiegħu għal dak ir-rapport, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali appella għal qafas regolatorju xieraq u proporzjonat li jiggarantixxi r-reponsabbiltà, il-ġustizzja, il-fiduċja u t-trasparenza fil-proċessi tal-pjattaformi sabiex jiġu evitati d-diskriminazzjoni u l-arbitrarjetà fil-konfront tas-sħab kummerċjali fir-rigward ta', fost oħrajn, aċċess għas-servizz, referenzjar xieraq u ġust, riżultati ta' tiftix, jew il-funzjonament tal-interfaċċji tal-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet rilevanti, abbażi tal-prinċipji ta' interoperabbiltà u ta' konformità applikabbli għall-pjattaformi.

Ir-rapporteur jilqa' l-proposta għal regolament P2B bħala l-ewwel sforz min-naħa ta' kwalunkwe leġiżlatur biex jirregola f'dan il-qasam, u jipproponi li dan l-istrument isir aktar ibbilanċjat f'ċerti aspetti.

Fir-rigward tat-trasparenza fil-qasam tal-ikklassifikar, ir-rapporteur iqis li jeħtieġ li jinstab bilanċ b'regoli dwar il-kompetizzjoni. Il-pjattaformi għalhekk għandhom ikunu meħtieġa jiddivulgaw il-prinċipji sottostanti tal-parametri li jiddeterminaw l-ikklassifikar, iżda mhux l-algoritmi nnifishom, li għandhom jitqiesu bħala sigrieti kummerċjali.

Huwa importanti ħafna wkoll li ssir distinzjoni bejn tranżazzjoni u l-bidu ta' tranżazzjoni. Tfittxija sempliċi għal prodott jew servizz fuq magna tat-tiftix ma għandhiex titqies bħala bidu ta' tranżazzjoni iżda sempliċiment talba għal informazzjoni li tista' twassal għall-bidu ta' tranżazzjoni.

Filwaqt li r-rapporteur jilqa' l-ħtieġa li s-servizzi tal-intermedjazzjoni online jieħdu miżuri korrettivi billi jitwaqqfu mekkaniżmi ta' rimedju intern, il-medjazzjoni ma għandhiex tkun pass obbligatorju qabel ma l-utent kummerċjali jkun jista' jirrikorri għall-proċedimenti ġudizzjarji.

Ir-rapporteur iqis li dan l-istrument immirat huwa l-ewwel pass biex wieħed jirregola f'dan il-qasam, iżda wieħed għandu jżomm f'moħħu li ħafna aspetti oħrajn se jkollhom jiġu regolati fil-futur. Għalhekk huwa importanti li proċess ta' reviżjoni dettaljat ikun diġà preżenti fl-ambitu ta' dan l-istrument.

[1] P8_TA(2017)0272

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Is-servizzi tal-intermedjazzjoni online huma faċilitaturi ewlenin tal-intraprenditorija, tal-kummerċ u tal-innovazzjoni, li jistgħu wkoll itejbu l-benesseri tal-konsumaturi u li kulma jmur qed jintużaw dejjem aktar mis-settur privat u mis-settur pubbliku. Dawn joffru aċċess għal swieq ġodda u opportunitajiet kummerċjali li jippermettu lill-impriżi jaħsdu l-benefiċċji tas-suq intern. Minbarra dan, dawn jippermettu wkoll li l-konsumaturi fl-Unjoni jisfruttaw dawk il-benefiċċji, l-aktar għax tiżdied l-għażla tagħhom tal-prodotti u tas-servizzi offruti online. | (1) Is-servizzi tal-intermedjazzjoni online huma faċilitaturi ewlenin ***tal-kummerċ diġitali u, b'mod partikolari,*** tal-intraprenditorija, tal-kummerċ u tal-innovazzjoni, li jistgħu wkoll itejbu l-benesseri tal-konsumaturi u li kulma jmur qed jintużaw dejjem aktar mis-settur privat u mis-settur pubbliku. Dawn joffru aċċess għal swieq ġodda u opportunitajiet kummerċjali li jippermettu lill-impriżi jaħsdu l-benefiċċji tas-suq intern. Minbarra dan, dawn jippermettu wkoll li l-konsumaturi fl-Unjoni jisfruttaw dawk il-benefiċċji, l-aktar għax tiżdied l-għażla tagħhom tal-prodotti u tas-servizzi ***kif ukoll għax jiġu*** offruti ***prezzijiet kompetittivi*** online. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Is-servizzi tal-intermedjazzjoni online jistgħu jkunu kruċjali għas-suċċess kummerċjali tal-impriżi li jużaw dawn is-servizzi biex jaslu għand il-konsumaturi. L-intermedjazzjoni dejjem akbar tat-tranżazzjonijiet permezz ta' servizzi tal-intermedjazzjoni online, xprunata minn effetti tan-netwerk qawwija u indiretti | (2) Is-servizzi tal-intermedjazzjoni online jistgħu jkunu kruċjali għas-suċċess kummerċjali tal-impriżi li jużaw dawn is-servizzi biex jaslu għand il-konsumaturi. L-intermedjazzjoni dejjem akbar tat-tranżazzjonijiet permezz ta' servizzi tal-intermedjazzjoni online, xprunata minn effetti tan-netwerk qawwija u indiretti |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| mmexxija mid-dejta, twassal biex tiżdied id-dipendenza ta' dawn l-utenti kummerċjali, fosthom tal-intrapriżi mikro, żgħar u medji, fuq dawn is-servizzi biex ikunu jistgħu jaslu għand il-konsumaturi. Peress li d-dipendenza qed dejjem tiżdied, il-fornituri ta' dawk is-servizzi ta' spiss ikollhom superjorità fil-poter tan-negozjar li jippermettilhom biex effettivament iġibu ruħhom b'mod unilaterali b'mod li jista' jkun inġust u li jista' jagħmel ħsara lill-interessi leġittimi tal-utenti kummerċjali tagħhom u, indirettament, anki tal-konsumaturi fl-Unjoni. | mmexxija mid-dejta, twassal biex tiżdied id-dipendenza ta' dawn l-utenti kummerċjali, fosthom tal-intrapriżi mikro, żgħar u medji, fuq dawn is-servizzi biex ikunu jistgħu jaslu għand il-konsumaturi. Peress li d-dipendenza qed dejjem tiżdied, il-fornituri ta' dawk is-servizzi ta' spiss ikollhom superjorità fil-poter tan-negozjar li jippermettilhom biex effettivament iġibu ruħhom b'mod unilaterali b'mod li jista' jkun inġust u li jista' jagħmel ħsara lill-interessi leġittimi tal-utenti kummerċjali tagħhom u, indirettament, anki tal-konsumaturi fl-Unjoni. ***Għalhekk jenħtieġ li jiġi evitat li s-servizzi tal-intermedjazzjoni online jiksbu pożizzjoni dominanti fis-suq u jdgħajfu l-kompetizzjoni billi jużaw il-poter ta' effetti tan-netwerk. Jenħtieġ li jiġi evitat ukoll li l-pjattaformi jkunu jistgħu jevitaw ir-rekwiżiti tal-liġi tax-xogħol billi jikklassifikaw il-ħaddiema bħala kuntratturi indipendenti.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Is-servizzi tal-intermedjazzjoni online u l-magni tat-tiftix online, kif ukoll it-tranżazzjonijiet ***kummerċjali ffaċilitati*** minn dawk is-servizzi, għandhom importanza partikolari għall-funzjonament xieraq tas-suq intern tal-Unjoni fl-ekonomija ta' żmienna. Il-prattiki kummerċjali potenzjalment inġusti u dannużi ta' ċerti fornituri ta' dawk is-servizzi fir-rigward tal-utenti kummerċjali u tal-utenti ta' siti web korporattivi jxekklu l-ħatfa sħiħa ta' dak il-potenzjal u jaffettwaw b'mod negattiv il-funzjonament xieraq tas-suq intern. Barra minn hekk, il-ħatfa sħiħa ta' dak il-potenzjal hi mxekkla, u l-funzjonament xieraq tas-suq intern hu affettwat ħażin minħabba liġijiet diverġenti | (5) Is-servizzi tal-intermedjazzjoni online u l-magni tat-tiftix online, kif ukoll it-tranżazzjonijiet ***iffaċilitati*** minn dawk is-servizzi, għandhom importanza partikolari għall-funzjonament xieraq tas-suq intern tal-Unjoni fl-ekonomija ta' żmienna. Il-prattiki kummerċjali potenzjalment inġusti u dannużi ta' ċerti fornituri ta' dawk is-servizzi fir-rigward tal-utenti kummerċjali u tal-utenti ta' siti web korporattivi jxekklu l-ħatfa sħiħa ta' dak il-potenzjal u jaffettwaw b'mod negattiv il-funzjonament xieraq tas-suq intern. Barra minn hekk, il-ħatfa sħiħa ta' dak il-potenzjal hi mxekkla, u l-funzjonament xieraq tas-suq intern hu affettwat ħażin minħabba liġijiet diverġenti ta' ċerti Stati Membri li jirregolaw dawn is- |

ta' ċerti Stati Membri li jirregolaw dawn is-servizzi bi gradi differenti ta' effettività, filwaqt li Stati Membri oħrajn qed jikkunsidraw li jadottaw liġijiet bħal dawn. | servizzi bi gradi differenti ta' effettività, filwaqt li Stati Membri oħrajn qed jikkunsidraw li jadottaw liġijiet bħal dawn.

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Għalhekk jenħtieġ li fil-livell tal-Unjoni jiġu stabbiliti sett ta' regoli obbligatorji uniformi u mmirati biex jiżguraw ambjent tan-negozju online ġust, prevedibbli, sostenibbli u affidabbli fis-suq intern billi jkun żgurat, b'mod partikulari, li l-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jkollhom it-trasparenza xierqa u possibbiltajiet ta' rimedju effettiv mal-Unjoni kollha. Dawk ir-regoli jenħtieġ jipprovdu wkoll għal trasparenza xierqa fejn jidħol l-ikklassifikar tal-utenti ta' siti web korporattivi fir-riżultati ġġenerati mill-magni tat-tiftix online. Fl-istess ħin, dawk ir-regoli jenħtieġ ikunu tali biex jissalvagwardjaw il-potenzjal importanti tal-innovazzjoni fl-ekonomija usa' tal-pjattaformi online. | (6) Għalhekk jenħtieġ li fil-livell tal-Unjoni jiġu stabbiliti sett ta' regoli obbligatorji uniformi u mmirati biex jiżguraw ambjent tan-negozju online ġust, prevedibbli, sostenibbli u affidabbli fis-suq intern billi jkun żgurat, b'mod partikulari, li l-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jkollhom it-trasparenza xierqa u possibbiltajiet ta' rimedju effettiv mal-Unjoni kollha. Dawk ir-regoli jenħtieġ ***li*** jipprevedu wkoll ***inċentivi sabiex tiġi promossa mġiba kummerċjali ġusta u proporzjonata u*** trasparenza xierqa***, speċjalment*** fejn jidħol l-ikklassifikar tal-utenti ta' siti web korporattivi fir-riżultati ġġenerati mill-magni tat-tiftix online***, inklużi l-assistenti bil-leħen***. Fl-istess ħin, dawk ir-regoli jenħtieġ ikunu tali biex jissalvagwardjaw il-potenzjal importanti tal-innovazzjoni fl-ekonomija usa' tal-pjattaformi online ***u jippermettu li jkun hemm kompetizzjoni tajba li twassal għal għażla akbar tal-konsumaturi***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Waħda mill-karatteristiċi tas-suq online hija l-ħolqien u l-qerda malajr tan-negozju taħt l-influwenza ta' pjattaformi li jistgħu jaġixxu bħala gwardjani. Tali rwol jenħtieġ li kemm jista' jkun jitnaqqas għal wieħed mill-intermedjarji newtrali, li għalhekk ikun ta' benefiċċju għan-negozju u għall-partijiet tal-konsumaturi tas-suq.*

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Peress li s-servizzi tal-intermedjazzjoni online u l-magni tat-tiftix online tipikament ikollhom dimensjoni globali, dan ir-Regolament jenħtieġ ikun japplika għall-forrnituri ta' dawk is-servizzi irrispettivament minn jekk ikunux stabbiliti f'xi Stat Membru jew barra mill-Unjoni, diment li jiġu ssodisfati żewġ kundizzjonijiet kumulattivi. L-ewwel nett, l-utenti kummerċjali jew l-utenti ta' siti web korporattivi jenħtieġ ikunu stabbiliti fl-Unjoni. It-tieni nett, permezz tal-forniment ta' dawk is-servizzi, l-utenti kummerċjali jew l-utenti ta' siti web korporattivi jenħtieġ joffru l-prodotti jew is-servizzi tagħhom lil konsumaturi li jinsabu fl-Unjoni mill-inqas għal parti mit-tranżazzjoni. Dawn il-konsumaturi jenħtieġ ikunu jinsabu fl-Unjoni, iżda la hu meħtieġ li jkollhom il-post tar-residenza tagħhom fl-Unjoni u lanqas ma jeħtieġ ikollhom iċ-ċittadinanza ta' xi Stat Membru. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkunx japplika meta l-utenti kummerċjali jew l-utenti ta' siti web korporattivi ma jkunux stabbiliti fl-Unjoni, jew meta jkunu stabbiliti fl-Unjoni iżda jużaw servizzi tal-intermedjazzjoni online jew magni tat-tiftix online li joffru prodotti jew servizzi esklussivament ***għal*** konsumaturi li jinsabu barra l-Unjoni jew ***għal*** persuni li mhumiex konsumaturi. | (7) Peress li s-servizzi tal-intermedjazzjoni online u l-magni tat-tiftix online tipikament ikollhom dimensjoni globali, dan ir-Regolament jenħtieġ ikun japplika għall-forrnituri ta' dawk is-servizzi irrispettivament minn jekk ikunux stabbiliti f'xi Stat Membru jew barra mill-Unjoni, diment li jiġu ssodisfati żewġ kundizzjonijiet kumulattivi. L-ewwel nett, l-utenti kummerċjali jew l-utenti ta' siti web korporattivi jenħtieġ ikunu stabbiliti fl-Unjoni. It-tieni nett, permezz tal-forniment ta' dawk is-servizzi, l-utenti kummerċjali jew l-utenti ta' siti web korporattivi jenħtieġ joffru l-prodotti jew is-servizzi tagħhom lil konsumaturi ***jew negozji*** li jinsabu fl-Unjoni mill-inqas għal parti mit-tranżazzjoni. Dawn il-konsumaturi jenħtieġ ikunu jinsabu fl-Unjoni, iżda la hu meħtieġ li jkollhom il-post tar-residenza tagħhom fl-Unjoni u lanqas ma jeħtieġ ikollhom iċ-ċittadinanza ta' xi Stat Membru. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkunx japplika meta l-utenti kummerċjali jew l-utenti ta' siti web korporattivi ma jkunux stabbiliti fl-Unjoni, jew meta jkunu stabbiliti fl-Unjoni iżda jużaw servizzi tal-intermedjazzjoni online jew magni tat-tiftix online li joffru prodotti jew servizzi esklussivament ***lil*** konsumaturi li jinsabu barra l-Unjoni jew ***esklussivament lil*** persuni li mhumiex konsumaturi. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Varjetà wiesgħa ta' relazzjonijiet kummerċjali bejn in-negozji u l-konsumaturi huma intermedjati online minn fornituri li joperaw servizzi b'diversi naħat li essenzjalment huma bbażati fuq l-istess mudell tan-negozju tal-bini ta' ekosistemi. Biex ikopru s-servizzi rilevanti, is-servizzi tal-intermedjazzjoni online jenħtieġ jiġu definiti b'mod preċiż u teknoloġikament newtrali. B'mod partikolari, is-servizzi jenħtieġ ikunu jikkonsistu f'servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, li huma kkaratterizzati mill-fatt li ***għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-bidu ta' tranżazzjonijiet*** diretti bejn l-utenti kummerċjali u l-konsumaturi, irrispettivament minn jekk it-tranżazzjonijiet ikunux finalment konklużi ***online***, fuq il-portal online tal-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online inkwistjoni, fuq dak tal-utent kummerċjali***, jew inkella offline***. Barra minn hekk, is-servizzi jenħtieġ jingħataw abbażi ta' relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-fornituri ***u*** l-utenti kummerċjali u ***bejn*** il-fornituri ***u l-konsumaturi***. Din ir-relazzjoni kuntrattwali jenħtieġ titqies li teżisti meta ż-żewġ partijiet konċernati jesprimu l-intenzjoni tagħhom li jintrabtu b'mod inekwivokabbli u verifikabbli, mingħajr ma jkun bilfors meħtieġ xi ftehim espress bil-miktub. | (8) Varjetà wiesgħa ta' relazzjonijiet kummerċjali bejn in-negozji u l-konsumaturi huma intermedjati online minn fornituri li joperaw servizzi b'diversi naħat li essenzjalment huma bbażati fuq l-istess mudell tan-negozju tal-bini ta' ekosistemi. Biex ikopru s-servizzi rilevanti, is-servizzi tal-intermedjazzjoni online jenħtieġ jiġu definiti b'mod preċiż u teknoloġikament newtrali. B'mod partikolari, is-servizzi jenħtieġ ikunu jikkonsistu f'servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, li huma kkaratterizzati mill-fatt li ***huma jagħtu bidu għat-tranżazzjonijiet*** diretti bejn l-utenti kummerċjali u l-konsumaturi, irrispettivament minn jekk it-tranżazzjonijiet ikunux finalment konklużi, fuq il-portal online tal-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online inkwistjoni, fuq dak tal-utent kummerċjali. Barra minn hekk, is-servizzi jenħtieġ jingħataw abbażi ta' relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-fornituri ***tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jew bejn*** l-utenti kummerċjali u ***l-konsumaturi fejn*** il-fornituri ***jaġixxu ta' intermedjarji fil-konfront tal-konsumaturi***. Din ir-relazzjoni kuntrattwali jenħtieġ titqies li teżisti meta ż-żewġ partijiet konċernati jesprimu l-intenzjoni tagħhom li jintrabtu b'mod inekwivokabbli u verifikabbli, mingħajr ma jkun bilfors meħtieġ xi ftehim espress bil-miktub. ***L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jistabbilixxi dispożizzjonijiet relatati ma' dawk is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li, minbarra r-rekwiżiti ta' hawn fuq, iwettqu funzjoni ta' "intermedjazzjoni" f'suq online. Is-sempliċi preżenza ta' reklamar fuq paġna web jenħtieġ li fiha nnifisha ma tfissirx li l-paġna web tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Għal raġunijiet ta' konsistenza, id-definizzjoni ta' magna tat-tiftix online użata f'dan ir-Regolament jenħtieġ tiġi allinjata mad-definizzjoni użata fid-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21] . | (11) Għal raġunijiet ta' konsistenza, id-definizzjoni ta' magna tat-tiftix online użata f'dan ir-Regolament jenħtieġ tiġi allinjata mad-definizzjoni użata fid-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21] . ***Madankollu, huwa ċċarat li din id-definizzjoni tkopri t-tiftix bil-vuċi kif ukoll il-magni tat-tiftix online li jagħtu direttament lura l-informazzjoni relatata mal-kontenut mitlub. Dan ir-Regolament ma japplikax għal funzjonalitajiet ta' tiftix li ma jinkludux, mill-inqas fil-prinċipju, is-siti web kollha, bħal funzjonijiet ta' tiftix fis-servizzi tal-intermedjazzjoni online jew li huma karatteristika ta' softwer ta' sistema operattiva.*** |
| [21] Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1). | [21] Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1). |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Biex jipproteġi b'mod effettiv lill-utenti kummerċjali meta meħtieġ, dan ir-Regolament jenħtieġ japplika ***meta t-termini u l-kundizzjonijiet ta' relazzjoni kuntrattwali,*** irrispettivament ***mill-isem jew l-għamla tagħhom, ma jkunux innegozjati individwalment mill-partijiet għalihom. Jekk it-termini u l-kundizzjonijiet ikunux ġew innegozjati*** | (12) Biex jipproteġi b'mod effettiv lill-utenti kummerċjali meta meħtieġ, dan ir-Regolament jenħtieġ japplika irrispettivament ***minn*** jekk ***il-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online u utent kummerċjali jkunux partijiet għal ftehim*** li ***huma nnegozjaw*** individwalment. |

***individwalment jew le jenħtieġ jiġi ddeterminat abbażi ta' valutazzjoni ġenerali, fejn il-fatt li ċerti dispożizzjonijiet tagħhom setgħu ġew innegozjati individwalment, minnu nnifsu, mhux deċiżiv.***

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Biex jiżguraw li t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali ta' relazzjoni kuntrattwali jkunu jippermettu li l-utenti kummerċjali jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-użu, it-terminazzjoni u s-sospensjoni tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online, u jiksbu l-prevedibbiltà fir-rigward tar-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom, dawk it-termini u l-kundizzjonijiet jenħtieġ jitfasslu b'lingwaġġ ċar u mhux ambigwu, li jista' jinftiehem faċilment minn utent kummerċjali medju. Jenħtieġ li t-termini u l-kundizzjonijiet ma jitqisux li tfasslu b'lingwaġġ ċar u mhux ambigwu meta dawn ikunu vagi, mhux speċifiċi jew mingħajr ċertu dettall dwar kwistjonijiet kummerċjali importanti u għalhekk jonqsu milli jagħtu livell raġonevoli ta' prevedibbiltà lill-utenti kummerċjali fejn jidħlu l-aktar aspetti importanti tar-relazzjoni kuntrattwali. | (13) Biex jiżguraw li t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali ta' relazzjoni kuntrattwali jkunu jippermettu li l-utenti kummerċjali jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-użu, it-terminazzjoni u s-sospensjoni tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online, u jiksbu l-prevedibbiltà fir-rigward tar-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom, dawk it-termini u l-kundizzjonijiet jenħtieġ jitfasslu b'lingwaġġ ċar u mhux ambigwu, li jista' jinftiehem faċilment minn utent kummerċjali medju. Jenħtieġ li t-termini u l-kundizzjonijiet ma jitqisux li tfasslu b'lingwaġġ ċar u mhux ambigwu meta dawn ikunu vagi, mhux speċifiċi jew mingħajr ċertu dettall dwar kwistjonijiet kummerċjali importanti jew meta jippermettu setgħa deċiżjonali sproporzjonata tan-naħa dominanti u għalhekk jonqsu milli jagħtu livell raġonevoli ta' prevedibbiltà lill-utenti kummerċjali fejn jidħlu l-aktar aspetti importanti tar-relazzjoni kuntrattwali ***bħall-għoti ta' raġunijiet għas-sospensjoni jew għat-terminazzjoni tal-għoti ta' servizzi lil utenti kummerċjali***. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Li tkun żgurata t-trasparenza fit-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali tista' tkun essenzjali biex jiġu promossi relazzjonijiet kummerċjali sostenibbli u biex tkun evitata l-imġiba inġusta għad-detriment tal-utenti kummerċjali. Għalhekk jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jiżguraw li t-termini u l-kundizzjonijiet ikunu disponibbli faċilment fl-istadji kollha tar-relazzjoni kuntrattwali, inkluż għall-utenti kummerċjali prospettivi fil-fażi prekuntrattwali, u li kull bidla f'dawn it-termini tiġi notifikata lill-utenti kummerċjali fi żmien perjodu ta' notifika stabbilit li jkun raġonevoli u proporzjonat fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi u ta' mill-inqas 15-il ġurnata. Jenħtieġ li dak il-perjodu ta' notifika ma jkunx japplika jekk, u sa fejn, dan jiġi rinunzjat b'mod mhux ambigwu mill-utent kummerċjali kkonċernat jew meta, u sa fejn, il-ħtieġa li tiġi implimentata l-bidla mingħajr rispett għall-perjodu ta' notifika tkun toħroġ minn obbligu legali impost fuq il-fornitur tas-servizzi skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali. | (14) Li tkun żgurata t-trasparenza fit-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali tista' tkun essenzjali biex jiġu promossi relazzjonijiet kummerċjali sostenibbli u biex tkun evitata l-imġiba inġusta għad-detriment tal-utenti kummerċjali. Għalhekk jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jiżguraw li t-termini u l-kundizzjonijiet ikunu disponibbli faċilment fl-istadji kollha tar-relazzjoni kuntrattwali, inkluż għall-utenti kummerċjali prospettivi fil-fażi prekuntrattwali, u li kull bidla f'dawn it-termini tiġi notifikata lill-utenti kummerċjali fi żmien perjodu ta' notifika stabbilit li jkun raġonevoli u proporzjonat fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi u ta' mill-inqas 15-il ġurnata. ***Bħala eċċezzjoni u soġġett għad-dispożizzjonijiet ċari tat-termini u l-kundizzjonijiet,*** jenħtieġ li dak il-perjodu ta' notifika ma jkunx japplika jekk, u sa fejn, dan jiġi rinunzjat b'mod mhux ambigwu mill-utent kummerċjali kkonċernat jew meta, u sa fejn, il-ħtieġa li tiġi implimentata l-bidla mingħajr rispett għall-perjodu ta' notifika tkun toħroġ minn obbligu legali impost fuq il-fornitur tas-servizzi skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali. |

*Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li huwa meħtieġ ċertu livell ta' flessibbiltà fit-trattament tal-prattiki kummerċjali li jistgħu jagħmlu ħsara lill-konsumaturi, l-ewwel pass biex jiġu evitati dawn il-prattiki huwa li jiġu ċċarati l-obbligi u l-miżuri.*

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Biex jipproteġi b'mod effettiv lill- | (12) Biex jipproteġi b'mod effettiv lill- |

| | |
|---|---|
| utenti kummerċjali meta meħtieġ, dan ir-Regolament jenħtieġ japplika ***meta t-termini u l-kundizzjonijiet ta' relazzjoni kuntrattwali,*** irrispettivament ***mill-isem jew l-għamla tagħhom, ma jkunux innegozjati individwalment mill-partijiet għalihom. Jekk it-termini u l-kundizzjonijiet ikunux ġew innegozjati individwalment jew le jenħtieġ jiġi ddeterminat abbażi ta' valutazzjoni ġenerali, fejn il-fatt li ċerti dispożizzjonijiet tagħhom setgħu ġew innegozjati individwalment, minnu nnifsu, mhux deċiżiv.*** | utenti kummerċjali meta meħtieġ, dan ir-Regolament jenħtieġ japplika irrispettivament minn jekk il-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online u utent kummerċjali jkunux partijiet għal ftehim li huma nnegozjaw individwalment. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) Il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni jistgħu jbiddlu t-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom b'reazzjoni għal prattiki li jistgħu jikkawżaw dannu immedjat lill-konsumaturi. Tali prattiki dannużi jistgħu jinkludu frodi, spam, kwistjonijiet ta' sigurtà, phishing, abbuż tad-dejta tal-konsumatur jew tas-sitwazzjoni finanzjarja, eċċ. Minħabba d-diversità tal-intermedjarji u l-kontenut li l-utenti kummerċjali jqassmu permezz tagħhom, jista' jkun li tali prattiki dannużi mhux dejjem ikunu previsti f'termini speċifiċi mill-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni. F'każijiet bħal dawn, il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni huma eżentati mill-perjodu ta' notifika ta' 10 ijiem għall-applikazzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet il-ġodda.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Biex jitħarsu l-utenti kummerċjali, jenħtieġ ikun possibbli li qorti kompetenti tistabbilixxi li t-termini u l-kundizzjonijiet li ma jkunux konformi, ma jkunux vinkolanti fuq l-utent kummerċjali kkonċernat, b'effetti ex nunc. Iżda jenħtieġ li sejba bħal din minn qorti tkun tikkonċerna biss id-dispożizzjonijiet speċifiċi tat-termini u l-kundizzjonijiet li ma jkunux konformi. Il-bqija tad-dispożizzjonijiet jenħtieġ jibqgħu validi u infurzabbli, sakemm dawn ikunu jistgħu jinfirdu mid-dispożizzjonijiet li mhumiex konformi. Kull bidla li ssir ħesrem fit-termini u l-kundizzjonijiet eżistenti tista' tfixkel b'mod sinifikanti l-operazzjonijiet tal-utenti kummerċjali. Għaldaqstant, biex jiġu limitati dawn l-effetti negattivi fuq l-utenti kummerċjali u jkun skoraġġit dan it-tip ta' aġir, il-bidliet li jsiru bi ksur tal-obbligu li jingħata perjodu ta' notifika stabbilit, jenħtieġ li ***jkunu nulli u bla effett, jiġifieri daqslikieku qatt ma eżistew b'effetti erga omnes u ex tunc***. | (15) Biex jitħarsu l-utenti kummerċjali, jenħtieġ ikun possibbli li qorti kompetenti tistabbilixxi li t-termini u l-kundizzjonijiet li ma jkunux konformi, ma jkunux vinkolanti fuq l-utent kummerċjali kkonċernat, b'effetti *ex nunc*. Iżda jenħtieġ li sejba bħal din minn qorti tkun tikkonċerna biss id-dispożizzjonijiet speċifiċi tat-termini u l-kundizzjonijiet li ma jkunux konformi. Il-bqija tad-dispożizzjonijiet jenħtieġ jibqgħu validi u infurzabbli, sakemm dawn ikunu jistgħu jinfirdu mid-dispożizzjonijiet li mhumiex konformi. Kull bidla li ssir ħesrem fit-termini u l-kundizzjonijiet eżistenti tista' tfixkel b'mod sinifikanti l-operazzjonijiet tal-utenti kummerċjali. Għaldaqstant, biex jiġu limitati dawn l-effetti negattivi fuq l-utenti kummerċjali u jkun skoraġġit dan it-tip ta' aġir, il-bidliet li jsiru bi ksur tal-obbligu li jingħata perjodu ta' notifika stabbilit, jenħtieġ li ***jidħlu fis-seħħ wara li jgħaddi l-perjodu ta' notifika legali biss u dawk li jkollhom tort jenħtieġ li jkunu responsabbli għad-danni***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-piena normali għal azzjonijiet ta' notifika żbaljati hija s-sospensjoni tal-iskadenza sakemm jiġu ssodisfati r-rekwiżiti legali. Jekk jiġi annullat il-kontenut tal-bidliet għat-ToS abbażi tal-iskadenzi, din ma tkunx miżura li tqis il-merti tal-kontenut, u għalhekk tidher li hija sproporzjonata.*

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jista' jkollu raġunijiet leġittimi biex jiddeċiedi li jissospendi jew itemm, għalkollox jew | (16) Fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jista' jkollu raġunijiet leġittimi biex jiddeċiedi li ***japplika restrizzjonijiet jew sanzjonijiet lil*** |

parzjalment, il-forniment tas-servizzi tiegħu lil xi utent kummerċjali partikolari, inkluż billi jneħħi mil-lista xi prodotti jew servizzi individwali ta' utent kummerċjali partikolari jew effettivament billi jneħħi r-riżultati ġġenerati mit-tiftix. ***Madankollu***, minħabba li dawn id-deċiżjonijiet jistgħu jaffettwaw ferm l-interessi tal-utent kummerċjali kkonċernat, dawn jenħtieġ jiġu mgħarrfa bir-raġunijiet għalihom. Id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet jenħtieġ tippermetti li l-utenti kummerċjali jaċċertaw jekk hemmx lok għal kontestazzjoni tad-deċiżjoni, u b'hekk jitjiebu l-possibbiltajiet tal-utenti kummerċjali li jfittxu rimedju effettiv meta meħtieġ. Barra minn hekk, li dan jeżiġi dikjarazzjoni tar-raġunijiet għandu jgħin biex tkun evitata jew rimedjata kwalunkwe tneħħija mhux intenzjonata ta' kontenut online provdut minn utent kummerċjali li l-fornitur ikun jidhirlu b'mod skorrett li hu kontenut illegali, b'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/334[22]. Id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet jenħtieġ tidentifika r-raġuni jew ir-raġunijiet oġġettivi tad-deċiżjoni, abbażi tar-raġunijiet li l-fornitur kien stabbilixxa minn qabel fit-termini u l-kundizzjonijiet tiegħu, u jenħtieġ tirreferi b'mod proporzjonat għaċ-ċirkostanzi speċifiċi rilevanti li wasslu għal dik id-deċiżjoni.

***utenti kummerċjali, li*** jissospendi jew itemm, għalkollox jew parzjalment, il-forniment tas-servizzi tiegħu lil xi utent kummerċjali partikolari, inkluż billi jneħħi mil-lista xi prodotti jew servizzi individwali ta' utent kummerċjali partikolari jew effettivament billi jneħħi r-riżultati ġġenerati mit-tiftix. ***Dan jista' jinkludi ksur tat-termini u l-kundizzjonijiet, kif ukoll ksur tal-utenti kummerċjali li jista' jkun ta' dannu għall-konsumatur jew għall-pjattaformi (pereżempju, iżda mhux limitati għal: kwistjonijiet ta' sigurtà, frodi, phishing, kontenut illegali u dannuż).*** Minħabba li dawn id-deċiżjonijiet jistgħu jaffettwaw ferm l-interessi tal-utent kummerċjali kkonċernat, ***kif ukoll l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali li l-utenti kummerjali jiddisponu minnhom, bħal-libertà ta' intrapriża u l-libertà tal-kelma,*** dawn jenħtieġ jiġu mgħarrfa ***kif xieraq*** bir-raġunijiet għalihom. Id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet jenħtieġ tippermetti li l-utenti kummerċjali jaċċertaw jekk hemmx lok għal kontestazzjoni tad-deċiżjoni, u b'hekk jitjiebu l-possibbiltajiet tal-utenti kummerċjali li jfittxu rimedju effettiv meta meħtieġ. Barra minn hekk, li dan jeżiġi dikjarazzjoni tar-raġunijiet għandu jgħin biex tkun evitata jew rimedjata kwalunkwe tneħħija mhux intenzjonata ta' kontenut online provdut minn utent kummerċjali li l-fornitur ikun jidhirlu b'mod skorrett li hu kontenut illegali, b'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/334[22]. ***F'xi każijiet, id-deċiżjoni tal-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online hija bbażata fuq notifiki minn partijiet terzi. Il-kompetituri jistgħu jabbużaw minn dawn in-notifiki. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2018/334 tirrikjedi li tali notifiki jkunu preċiżi biżżejjed u sostanzjati b'mod xieraq sabiex il-fornitur ospitanti jkun jista' jieħu deċiżjoni informata u diliġenti fir-rigward tal-kontenut li miegħu hija relatata n-notifika. Il-fornituri tas-servizzi tal-***

***intermedjazzjoni online jenħtieġ li għalhekk jintalbu jgħaddu l-kontenut tan-notifika lill-utent kummerċjali f'każijiet fejn tittieħed deċiżjoni li jiġi sospiż jew itterminat l-għoti tas-servizzi tiegħu wara notifika minn parti terza, sabiex l-utent kummerċjali jkun jista' faċilment jirrifjuta notifki li bla dubju jkunu żbaljati.*** Id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet jenħtieġ tidentifika r-raġuni jew ir-raġunijiet oġġettivi tad-deċiżjoni, abbażi tar-raġunijiet li l-fornitur kien stabbilixxa minn qabel fit-termini u l-kundizzjonijiet tiegħu, u jenħtieġ tirreferi b'mod proporzjonat għaċ-ċirkostanzi speċifiċi rilevanti li wasslu għal dik id-deċiżjoni. ***Jenħtieġ li tiddaħħal fis-seħħ sistema proporzjonata u gradwali kull fejn ikun possibbli, inkluża notifika minn qabel u fil-ħin qabel ma jittieħdu miżuri li jwasslu għat-tneħħija tal-aċċess tan-negozju għall-klijenti tiegħu.***

[22] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/334 tal-1 ta' Marzu 2018 dwar miżuri biex jiġi indirizzat b'mod effettiv il-kontenut illegali online (ĠU L 63, 6.3.2018, p. 50).

[22] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/334 tal-1 ta' Marzu 2018 dwar miżuri biex jiġi indirizzat b'mod effettiv il-kontenut illegali online (ĠU L 63, 6.3.2018, p. 50).

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) Minħabba li l-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni ta' spiss jaħdmu ma' kanali ta' distribuzzjoni addizzjonali ta' programmi affiljati, it-trasparenza fil-konfront tal-utenti kummerċjali jenħtieġ li tiġi żgurata f'dan ir-rigward. L-utenti kummerċjali jenħtieġ li kollha jkollhom id-dritt li jagħmlu aġġustamenti fil-kanali fejn isir il-kummerċ tal-offerti tagħhom.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) L-ikklassifikar tal-prodotti u s-servizzi mill-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online iħalli impatt importanti fuq l-għażla tal-konsumaturi u, għaldaqstant, fuq is-suċċess kummerċjali tal-utenti kummerċjali li joffru dawk il-prodotti u s-servizzi lill-konsumaturi. Għalhekk, il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jenħtieġ jiddeskrivu l-parametri prinċipali li jiddeterminaw l-ikklassifikar minn qabel, biex titjieb il-prevedibbiltà għall-utenti kummerċjali, biex ikunu jistgħu jifhmu aħjar il-funzjonament tal-mekkaniżmu tal-ikklassifikar u biex dawn ikunu jistgħu jqabblu l-prattiki tal-ikklassifikar ta' fornituri differenti. Il-kunċett ta' parametri prinċipali jenħtieġ jinftiehem li qed jirreferi għal kwalunkwe kriterji ġenerali***, proċessi, sinjali speċifiċi inkorporati fl-algoritmi jew mekkaniżmi oħra ta' aġġustament jew tnaqqis fil-klassifika*** użati fil-kuntest tal-ikklassifikar. Jenħtieġ li d-deskrizzjoni tal-parametri prinċipali li jiddeterminaw l-ikklassifikar tkun tinkludi wkoll spjegazzjoni ta' kwalunkwe possibbiltà li jkollhom l-utenti kummerċjali biex jinfluwenzaw b'mod attiv l-ikklassifikar ***b'rimunerazzjoni***, kif ukoll tal-effetti relattivi tagħhom. Jenħtieġ li b'din id-deskrizzjoni, l-utenti kummerċjali jifhmu sew kif il-mekkaniżmu tal-ikklassifikar ikun qed iqis il-karatteristiċi tal-prodotti jew is-servizzi proprja li joffri l-utent kummerċjali, u r-rilevanza tagħhom għall-konsumaturi tas-servizzi speċifiċi tal-intermedjazzjoni online. | (17) L-ikklassifikar tal-prodotti u s-servizzi mill-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online iħalli impatt importanti ***f'termini tal-kompetittività tas-suq diġitali u*** fuq l-għażla tal-konsumaturi u, għaldaqstant, fuq is-suċċess kummerċjali tal-utenti kummerċjali li joffru dawk il-prodotti u s-servizzi lill-konsumaturi. Għalhekk, il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jenħtieġ jiddeskrivu l-parametri prinċipali li jiddeterminaw l-ikklassifikar minn qabel, biex titjieb il-prevedibbiltà għall-utenti kummerċjali, biex ikunu jistgħu jifhmu aħjar il-funzjonament tal-mekkaniżmu tal-ikklassifikar u biex dawn ikunu jistgħu jqabblu l-prattiki tal-ikklassifikar ta' fornituri differenti. Il-kunċett ta' parametri prinċipali jenħtieġ jinftiehem li qed jirreferi għal kwalunkwe kriterji ġenerali użati fil-kuntest tal-ikklassifikar. Jenħtieġ li d-deskrizzjoni tal-parametri prinċipali li jiddeterminaw l-ikklassifikar tkun tinkludi wkoll spjegazzjoni ta' kwalunkwe possibbiltà li jkollhom l-utenti kummerċjali biex jinfluwenzaw b'mod attiv l-ikklassifikar ***mar-rimunerazzjoni***, kif ukoll tal-effetti relattivi tagħhom. Jenħtieġ li b'din id-deskrizzjoni, l-utenti kummerċjali jifhmu sew kif il-mekkaniżmu tal-ikklassifikar ikun qed iqis il-karatteristiċi tal-prodotti jew is-servizzi proprja li joffri l-utent kummerċjali, u r-rilevanza tagħhom għall-konsumaturi tas-servizzi speċifiċi tal-intermedjazzjoni online. |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Bl-istess mod, l-ikklassifikar tas-siti web mill-fornituri tal-magni tat-tiftix online, notevolment ta' dawk is-siti web li permezz tagħhom l-impriżi joffru prodotti u servizzi lill-konsumaturi, iħalli impatt importanti fuq l-għażla tal-konsumaturi u fuq is-suċċess kummerċjali tal-utenti ta' siti web korporattivi. Għalhekk jenħtieġ li l-fornituri tal-magni tat-tiftix online jipprovdu deskrizzjoni tal-parametri prinċipali li jiddeterminaw l-ikklassifikar tas-siti web kollha indiċjati, inkluż dawk tal-utenti ta' siti web korporattivi kif ukoll ta' siti web oħrajn. Minbarra l-karatteristiċi tal-prodotti u tas-servizzi u r-rilevanza tagħhom għall-konsumaturi, fil-każ tal-magni tat-tiftix online, din id-deskrizzjoni jenħtieġ tippermetti li l-utenti ta' siti web korporattivi jifhmu aħjar jekk humiex qed jitqiesu ċerti karatteristiċi tad-disinn tas-sit web użat, bħalma huma l-ottimizzazzjoni tagħhom biex jidhru fuq it-tagħmir tat-telekomunikazzjoni mobbli, u jekk iva kif u sa liema punt. Fin-nuqqas ta' relazzjoni kuntrattwali bejn il-fornituri tal-magni tat-tiftix online u l-utenti ta' siti web korporattivi, dik id-deskrizzjoni jenħtieġ tkun aċċessibbli għall-pubbliku b'mod viżibbli u faċilment aċċessibbli fuq il-magna tat-tiftix online rilevanti. Biex tkun żgurata l-prevedibbiltà tal-utenti ta' siti web korporattivi, id-deskrizzjoni jenħtieġ ukoll tinżamm aġġornata, inkluż il-possibbiltà li kwalunkwe bidla fil-parametri prinċipali jenħtieġ tkun identifikabbli faċilment. Filwaqt li ***fl-ebda ċirkostanza, il-fornituri mhuma meħtieġa jiżvelaw xi sigriet kummerċjali kif definit fid-Direttiva*** (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23] meta jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit li jiżvelaw il-parametri prinċipali tal-ikklassifikar, jenħtieġ li d-deskrizzjoni mogħtija tkun mill-inqas ibbażata fuq dejta ***attwali*** dwar ir-rilevanza tal-parametri tal-ikklassifikar użati. | (18) Bl-istess mod, l-ikklassifikar tas-siti web mill-fornituri tal-magni tat-tiftix online, notevolment ta' dawk is-siti web li permezz tagħhom l-impriżi joffru prodotti u servizzi lill-konsumaturi, iħalli impatt importanti fuq l-għażla tal-konsumaturi u fuq is-suċċess kummerċjali tal-utenti ta' siti web korporattivi. Għalhekk jenħtieġ li l-fornituri tal-magni tat-tiftix online jipprovdu deskrizzjoni tal-parametri prinċipali li jiddeterminaw l-ikklassifikar tas-siti web kollha indiċjati, inkluż dawk tal-utenti ta' siti web korporattivi kif ukoll ta' siti web oħrajn. Minbarra l-karatteristiċi tal-prodotti u tas-servizzi u r-rilevanza tagħhom għall-konsumaturi, fil-każ tal-magni tat-tiftix online, din id-deskrizzjoni jenħtieġ tippermetti li l-utenti ta' siti web korporattivi jifhmu aħjar jekk humiex qed jitqiesu ċerti karatteristiċi tad-disinn tas-sit web użat, bħalma huma l-ottimizzazzjoni tagħhom biex jidhru fuq it-tagħmir tat-telekomunikazzjoni mobbli, u jekk iva kif u sa liema punt. Fin-nuqqas ta' relazzjoni kuntrattwali bejn il-fornituri tal-magni tat-tiftix online u l-utenti ta' siti web korporattivi, dik id-deskrizzjoni jenħtieġ tkun aċċessibbli għall-pubbliku b'mod viżibbli u faċilment aċċessibbli fuq il-magna tat-tiftix online rilevanti. Biex tkun żgurata l-prevedibbiltà tal-utenti ta' siti web korporattivi, id-deskrizzjoni jenħtieġ ukoll tinżamm aġġornata, inkluż il-possibbiltà li kwalunkwe bidla fil-parametri prinċipali jenħtieġ tkun identifikabbli faċilment. Filwaqt li ***r-rekwiżit biex jiġu żvelati l-parametri tal-ikklassifikar jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva*** (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23] ***filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist, l-użu u l-iżvelar legali,*** meta jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit li jiżvelaw il-parametri prinċipali tal-ikklassifikar, jenħtieġ li d-deskrizzjoni mogħtija tkun mill-inqas |

ibbażata fuq dejta ***reali*** dwar ir-rilevanza tal-parametri tal-ikklassifikar użati. ***Sabiex jiġi evitat kull dubju, kwalunkwe obbligu dwar magni tat-tiftix online sabiex jiġi żgurat li d-deskrizzjoni tal-parametri ewlenin li jiddeterminaw l-ikklassifikar tibqa' aġġornata jenħtieġ li ma jinvolvix ir-rekwiżit li l-magni tat-tiftix online jiżvelaw xi sigrieti kummerċjali kif iddefinit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2016/943.***

[23] Id-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta' konoxxenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom (ĠU L 157, 15.6.2016, p. 1).

[23] Id-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta' konoxxenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom (ĠU L 157, 15.6.2016, p. 1).

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Meta fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online joffri ċerti prodotti jew servizzi lill-konsumaturi permezz tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online tiegħu stess, jew inkella jagħmel dan permezz ta' utent kummerċjali kkontrollat minnu, dak il-fornitur jista' jikkompeti direttament ma' utenti kummerċjali oħrajn tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online tiegħu li mhumiex ikkontrollati mill-fornitur. F'dawn is-sitwazzjonijiet b'mod partikolari, hu importanti li l-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jaġixxi b'mod trasparenti u jipprovdi deskrizzjoni ta' kull trattament differenzjat, permezz ta' mezzi ġuridiċi, kummerċjali jew tekniċi, li jaf ikun jagħti b'rabta mal-prodotti u s-servizzi li joffri hu stess, meta mqabbla ma' dawk offruti mill-utenti kummerċjali. Biex tkun | (19) Meta fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online joffri ċerti prodotti jew servizzi lill-konsumaturi permezz tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online tiegħu stess, jew inkella jagħmel dan permezz ta' utent kummerċjali kkontrollat minnu, dak il-fornitur jista' jikkompeti direttament ma' utenti kummerċjali oħrajn tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online tiegħu li mhumiex ikkontrollati mill-fornitur. F'dawn is-sitwazzjonijiet b'mod partikolari, hu importanti li l-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jaġixxi b'mod trasparenti u jipprovdi deskrizzjoni ta' kull trattament differenzjat, permezz ta' mezzi ġuridiċi, kummerċjali jew tekniċi ***bħal settings awtomatiċi***, li jaf ikun jagħti b'rabta mal-prodotti u s-servizzi li joffri hu stess, meta mqabbla ma' dawk offruti mill- |

| | |
|---|---|
| żgurata l-proporzjonalità, dan l-obbligu jenħtieġ ikun japplika fil-livell tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ġenerali, u mhux fil-livell ta' prodotti jew servizzi individwali offruti permezz ta' dawk is-servizzi. | utenti kummerċjali. Biex tkun żgurata l-proporzjonalità, dan l-obbligu jenħtieġ ikun japplika fil-livell tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ġenerali, u mhux fil-livell ta' prodotti jew servizzi individwali offruti permezz ta' dawk is-servizzi. ***Barra minn hekk, il-konsumaturi spiss jiddependu fuq servizzi kkonfigurati b'mod awtomatiku mingħajr ma jiġu infurmati dwar oġġetti u servizzi kompetittivi, u jistgħu jaffaċċjaw ostakoli tekniċi jew ekonomiċi jekk dawn ikunu jixtiequ jagħżlu servizz kompetittiv. Il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jenħtieġ li għalhekk ma jitħallewx jipprovdu xi oġġett jew servizz taħt il-kontroll dirett jew indirett tagħhom bħala għażla awtomatika mingħajr ma l-ewwel jagħtu lill-konsumaturi l-possibbiltà li jagħżlu minn għażliet kompetittivi differenti disponibbli meta jużaw is-servizz tal-intermedjazzjoni online għall-ewwel darba. Il-konsumatur jenħtieġ li ma jkunx obbligat jagħżel għażla awtomatika. L-oġġetti jew is-servizzi ta' fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jenħtieġ li jitqiesu li jikkompetu ma' dawk tal-utenti kummerċjali tiegħu meta l-oġġett jew is-servizz ikun jista' jitqies bħala interkambjabbli jew sostitwibbli mill-konsumaturi li jkunu qed jużaw is-servizz tal-intermedjazzjoni online.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19a) Huwa daqstant importanti li l-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ma jinvolvux ruħhom fi prattiki kummerċjali inġusti (inkluża mġiba kummerċjali jew l-inklużjoni ta' termini kuntrattwali inġusti) li għandhom impatt detrimentali b'mod sostanzjali fuq il-*** |

***kompetizzjoni jew fuq l-għażla għall-konsumaturi. Is-setgħa ta' negozjar relattiva tal-intermedjarju online u tal-utent kummerċjali, flimkien ma' kwalunkwe fattur rilevanti ieħor, jenħtieġ li jitqies fid-determinazzjoni dwar jekk prattika kummerċjali hijiex inġusta.***

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19b) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, servizz ta' fornitur jikkompeti ma' dawk tal-utenti kummerċjali l-oħra tiegħu jekk jitqies li huwa interskambjabbli jew sostitwibbli mill-konsumaturi tas-servizz tal-intermedjazzjoni online, inkluż minħabba l-karatteristiċi, il-prezzijiet, jew l-użu maħsub tas-servizzi.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19c) F'ċerti każijiet, l-asimetrija fis-setgħa tan-negozjar bejn is-servizzi tal-intermedjazzjoni online u utenti kummerċjali oħra tirriżulta fi żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet taħt il-kuntratt applikabbli, u dan jikkawża ħsara lill-utent kummerċjali. F'tali każijiet, jenħtieġ li l-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online japplika trattament ġust fil-konfront tal-utent kummerċjali, b'tali mod li dan ma jxekkilx b'mod sostanzjali l-abbiltà u l-libertà tal-utenti kummerċjali l-oħra biex iwettqu negozju. Minħabba l-probabbiltà kbira ta' ħsara lill-konsumaturi inerenti*** |

***f'sitwazzjonijiet fejn fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jikkompeti ma' utenti kummerċjali oħra, inkluż billi jitnaqqsu l-għażliet tal-konsumaturi, jiżdiedu l-ispejjeż tagħhom u ma tingħatalhomx informazzjoni kritika, l-obbligu li jiġi pprovdut trattament ġust għandu jinkludi l-iżgurar li l-konsumaturi li jaċċessaw servizzi permezz tas-servizz tal-intermedjazzjoni online jkollhom id-dritt u l-abbiltà li jagħżlu u jużaw is-servizzi tal-għażla tagħhom, mingħajr ma jaffaċċjaw l-ebda piż bla bżonn, bħal meta l-fornitur jinjora jew jipprevali l-għażliet tal-konsumaturi tas-settings awtomatiċi. Fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jonqos ukoll milli jipprovdi trattament ġust meta ma jagħtix lill-utenti kummerċjali kompetituri l-informazzjoni kollha meħtieġa għalihom sabiex jiksbu l-istess livell u kwalità ta' interoperabbiltà bis-servizz tal-intermedjazzjoni online, u kwalunkwe servizz anċillari, kif inhu disponibbli għall-fornitur innifsu, u meta jimplimenta prattiki li jipprovdu direttament jew indirettament vantaġġi tekniċi jew ekonomiċi lill-offerti tiegħu stess li huwa jiċħad lil utenti kummerċjali kompetituri. Trattament ġust jirrikjedi wkoll li l-fornitur joqgħod lura milli jinterferixxi fir-relazzjoni kummerċjali bejn l-utenti kummerċjali kompetituri u l-konsumaturi tas-servizzi tagħhom, inkluż billi jiġi mblukkat jew inkella jiġi ristrett il-fluss tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni bejniethom, inklużi r-reklamar u l-kummerċjalizzazzjoni.***

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19d) Ċerti prattiki jistgħu jiġu ttrattati b'mod konklużiv bħala inġusti fiċ-ċirkostanzi kollha. L-Osservatorju tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Pjattaformi jenħtieġ li jirrevedi kontinwament din il-lista ta' prattiki u jirrakkomanda aġġornamenti lill-Kummissjoni. Peress li s-suq għas-servizzi tal-intermedjazzjoni online qed jevolvi, il-Kummissjoni jenħtieġ li toħroġ gwida dwar prattiki li jistgħu jikkompromettu l-prattiki kummerċjali inġusti, inklużi ċ-ċirkostanzi li fihom prattiki speċifiċi jistgħu jitqiesu inġusti.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) L-abbiltà ta' aċċess għad-dejta, u tal-użu tagħha, inkluż tad-dejta personali, tista' tippermetti l-ħolqien ta' valur importanti fl-ekonomija tal-pjattaformi online. Għaldaqstant, hu importanti li l-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jipprovdu lill-utenti kummerċjali deskrizzjoni ċara tal-ambitu, in-natura u l-kundizzjonijiet tal-aċċess tagħhom għal ċerti kategoriji tad-dejta, u l-użu tagħha. Jenħtieġ li d-deskrizzjoni tkun proporzjonata u tista' tkun tirreferi għal kundizzjonijiet tal-aċċess ġenerali, minflok identifikazzjoni eżawrjenti tad-dejta ***attwali***, jew ta' kategoriji tad-dejta, ħalli l-utenti kummerċjali jkunu jistgħu jifhmu jekk jistgħux jużaw id-dejta biex itejbu l-ħolqien tal-valur, inkluż billi possibbilment iżommu servizzi tad-dejta minn parti terza. Jenħtieġ li l-ipproċessar tad-dejta personali jkun konformi mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.[24] | (20) L-abbiltà ta' aċċess għad-dejta, u tal-użu tagħha, inkluż tad-dejta personali, tista' tippermetti l-ħolqien ta' valur importanti fl-ekonomija tal-pjattaformi online. Għaldaqstant, hu importanti li l-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jipprovdu lill-utenti kummerċjali deskrizzjoni ċara tal-ambitu, in-natura u l-kundizzjonijiet tal-aċċess tagħhom għal ċerti kategoriji tad-dejta, u l-użu tagħha. Jenħtieġ li d-deskrizzjoni tkun proporzjonata u tista' tkun tirreferi għal kundizzjonijiet tal-aċċess ġenerali, minflok identifikazzjoni eżawrjenti tad-dejta ***reali***, jew ta' kategoriji tad-dejta, ħalli l-utenti kummerċjali jkunu jistgħu jifhmu jekk jistgħux jużaw id-dejta biex itejbu l-ħolqien tal-valur, inkluż billi possibbilment iżommu servizzi tad-dejta minn parti terza. ***Dan ir-Regolament jirrikjedi li l-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jkunu trasparenti dwar liema dejta jipprovdu lill-utenti kummerċjali tagħhom iżda ma jistabbilixxi l-ebda rekwiżit biex tiġi mxerrda dejta personali jew mhux personali lill-utenti kummerċjali. Fil-każijiet kollha,*** jenħtieġ li l-ipproċessar tad-dejta personali jkun konformi ***mal-qafas legali tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-*** |

***ipproċessar tad-dejta personali, u dwar ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-dejta personali f'komunikazzjonijiet elettroniċi, b'mod partikolari*** mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24]***, mad-Direttiva (UE) 2016/680[24a] u mad-Direttiva 2002/58/KE[24b]. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jobbligax lill-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online biex jikkondividu d-dejta personali ma' partijiet terzi lil hinn minn dak li huwa stabbilit fil-politiki ta' privatezza tagħhom.***

[24] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

[24] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

***[24a] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).***

***[24b] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).***

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) F'ċerti każijiet, fit-termini u l-kundizzjonijiet, il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jistgħu jirrestrinġu l-abbiltà tal-utenti kummerċjali li joffru prodotti jew servizzi lill-konsumaturi b'kundizzjonijiet aktar favorevoli permezz ta' mezzi oħra apparti permezz tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online. F'dawk il-każijiet, il-fornituri kkonċernati jenħtieġ jistabbilixxu r-raġunijiet għal dan, b'mod partikolari b'referenza għall-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi, kummerċjali jew ġuridiċi ewlenin għar-restrizzjonijiet***. Iżda jenħtieġ li dan l-obbligu tat-trasparenza ma jkunx jinftiehem li jaffettwa l-valutazzjoni tal-legalità ta' dawn ir-restrizzjonijiet skont atti oħrajn tad-dritt tal-Unjoni jew il-liġi tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni, inkluż fl-oqsma tal-kompetizzjoni u prattiki kummerċjali inġusti, u l-applikazzjoni ta' dawn il-liġijiet.*** | (21) F'ċerti każijiet, fit-termini u l-kundizzjonijiet, il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jistgħu jirrestrinġu l-abbiltà tal-utenti kummerċjali li joffru prodotti jew servizzi lill-konsumaturi b'kundizzjonijiet aktar favorevoli permezz ta' mezzi oħra apparti permezz tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online. F'dawk il-każijiet, il-fornituri kkonċernati jenħtieġ jistabbilixxu r-raġunijiet għal dan, b'mod partikolari b'referenza għall-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi, kummerċjali jew ġuridiċi ewlenin għar-restrizzjonijiet ***u jiżguraw*** li ***tali restrizzjonijiet ikunu proporzjonati***. |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21a) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali miżmuma mill-utenti kummerċjali. Il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jenħtieġ li jagħmlu użu minn dawn id-drittijiet biss wara li jkunu kisbu l-kunsens espliċitu tal-utent kummerċjali jew tad-detentur tal-liċenzja tagħhom, jew skont l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***applikabbli. Jenħtieġ li jkun hemm konformità mat-termini tal-użu ta' tali drittijiet. Id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' partijiet terzi jenħtieġ li jiġu rrispettati wkoll.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Biex l-utenti kummerċjali, inkluż dawk li ġarrbu sospensjoni jew waqfien milli jużaw is-servizzi tal-intermedjazzjoni online rilevanti, ikollhom aċċess għal possibbiltajiet ***ta' rimedju*** aċċessibbli, ***immedjat*** u ***effettiv***, jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jipprovdu għal sistema interna tat-trattament tal-ilmenti. Dik is-sistema interna tat-trattament tal-ilmenti jenħtieġ ***ikollha*** l-għan li tiżgura li proporzjon sinifikanti tal-ilmenti jkunu jistgħu jissolvew b'mod bilaterali mill-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online u l-utenti kummerċjali rilevanti. Barra minn hekk, jekk ikun żgurat li l-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jippubblikaw informazzjoni dwar il-funzjonament u l-effikaċja tas-sistema interna tat-trattament tal-ilmenti tagħhom, dan jenħtieġ jgħin lill-utenti kummerċjali biex jifhmu t-tipi ta' kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu fil-kuntest tal-forniment ta' servizzi tal-intermedjazzjoni online differenti u l-possibbiltà li tinstab riżoluzzjoni bilaterali malajr u ***effettiva***. | (22) Biex l-utenti kummerċjali, inkluż dawk li ***setgħu*** ġarrbu ***restrizzjoni,*** sospensjoni jew waqfien milli jużaw is-servizzi tal-intermedjazzjoni online rilevanti, ikollhom aċċess għal possibbiltajiet aċċessibbli, ***immedjati, proporzjonati*** u ***effettivi ta' rimedju***, jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jipprovdu għal sistema interna ***effettiva u rapida*** tat-trattament tal-ilmenti. Dik is-sistema interna tat-trattament tal-ilmenti jenħtieġ ***li tkun trasparenti, simplifikata u nondiskriminatorja, li jkollha*** l-għan li tiżgura li proporzjon sinifikanti tal-ilmenti jkunu jistgħu jissolvew b'mod bilaterali mill-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online u l-utenti kummerċjali rilevanti. Barra minn hekk, jekk ikun żgurat li l-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jippubblikaw informazzjoni dwar il-funzjonament u l-effikaċja tas-sistema interna tat-trattament tal-ilmenti tagħhom, dan jenħtieġ jgħin lill-utenti kummerċjali biex jifhmu t-tipi ta' kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu fil-kuntest tal-forniment ta' servizzi tal-intermedjazzjoni online differenti u l-possibbiltà li tinstab riżoluzzjoni bilaterali malajr***,*** ***effettiva*** u ***nondiskriminatorja***. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament b'rabta mas-sistemi interni tat-trattament tal-ilmenti għandhom l-għan li l-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jiksbu livell raġonevoli ta' flessibbiltà meta joperaw dawk is-sistemi u jindirizzaw ilmenti individwali, ħalli jonqos kemm jista' jkun il-piż amministrattiv. Barra minn hekk, is-sistemi interni tat-trattament tal-ilmenti jenħtieġ jippermettu lill-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online biex jindirizzaw, meta meħtieġ, b'mod proporzjonat kull użu in mala fede ta' dawk is-sistemi min-naħa ta' ċerti utenti kummerċjali. Minbarra dan, f'każijiet oħrajn, għajr għal xi allegat nuqqas ta' konformità mal-obbligi legali ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-sistemi interni tat-trattament tal-ilmenti ma jkunux miftuħa għal ilmenti li jinvolvu biss effetti negattivi negliġibbli fuq l-utenti kummerċjali kkonċernati. Fid-dawl tal-ispejjeż biex jinħolqu u jitħaddmu dawn is-sistemi, jixraq li jiġi eżentat minn dawk l-obbligi kull fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online li jikkostitwixxi intrapriża żgħira, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[25] . | (23) Ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament b'rabta mas-sistemi interni tat-trattament tal-ilmenti għandhom l-għan li l-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jiksbu livell raġonevoli ta' flessibbiltà meta joperaw dawk is-sistemi u jindirizzaw ilmenti individwali, ħalli jonqos kemm jista' jkun il-piż amministrattiv. Barra minn hekk, is-sistemi interni tat-trattament tal-ilmenti jenħtieġ jippermettu lill-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online biex jindirizzaw, meta meħtieġ, b'mod proporzjonat kull użu in mala fede ta' dawk is-sistemi min-naħa ta' ċerti utenti kummerċjali. Minbarra dan, f'każijiet oħrajn, għajr għal xi allegat nuqqas ta' konformità mal-obbligi legali ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-sistemi interni tat-trattament tal-ilmenti ma jkunux miftuħa għal ilmenti li jinvolvu biss effetti negattivi negliġibbli fuq l-utenti kummerċjali kkonċernati. Fid-dawl tal-ispejjeż biex jinħolqu u jitħaddmu dawn is-sistemi, jixraq li jiġi eżentat minn dawk l-obbligi kull fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online li jikkostitwixxi intrapriża żgħira, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[25] . ***Is-sistema interna tat-trattament tal-ilmenti jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-prinċipji tat-trattament ugwali u l-użu tagħha jenħtieġ li ma jwassal għall-ebda trattament detrimentali tal-utent kummerċjali.*** |

[25] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni tal-intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

[25] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni tal-intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jenħtieġ ***ikollhom*** proporzjon raġonevoli tal-ispejjeż totali tal-medjazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-elementi rilevanti kollha tal-każ inkwistjoni. Għal dak il-għan, il-medjatur jenħtieġ jissuġġerixxi liema proporzjon hu raġonevoli f'dak il-każ individwali. ***Iżda jenħtieġ li dan il-proporzjon ma jkun qatt inqas min-nofs dawk l-ispejjeż.*** | (25) Il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jenħtieġ ***li jġarrbu*** proporzjon raġonevoli tal-ispejjeż totali tal-medjazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-elementi rilevanti kollha tal-każ inkwistjoni. Għal dak il-għan, il-medjatur jenħtieġ jissuġġerixxi liema proporzjon hu raġonevoli f'dak il-każ individwali. |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni | Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni |
| 1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jiżguraw li l-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online u l-utenti ta' siti web korporattivi fir-rigward tal-magni tat-tiftix online ***jingħataw*** trasparenza xierqa u possibbiltajiet ta' rimedju effettiv. | 1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jiżguraw li l-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online u l-utenti ta' siti web korporattivi fir-rigward tal-magni tat-tiftix online ***u konnessi jiddisponu minn korrettezza,*** trasparenza xierqa u possibbiltajiet ta' rimedju effettiv. |
| 2. Dan ir-Regolament għandu japplika għas-servizzi tal-intermedjazzjoni online u tal-magni tat-tiftix online mogħtija, jew offruti biex jingħataw, lill-utenti kummerċjali u lill-utenti ta' siti web korporattivi rispettivament, li l-post tal-istabbiliment jew ***tar-residenza*** tagħhom ikun fl-Unjoni u li, permezz tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jew permezz tal-magni tat-tiftix online, joffru prodotti jew servizzi lil konsumaturi li jinsabu fl- | 2. Dan ir-Regolament għandu japplika għas-servizzi tal-intermedjazzjoni online u tal-magni tat-tiftix online mogħtija, jew offruti biex jingħataw, lill-utenti kummerċjali u lill-utenti ta' siti web korporattivi rispettivament, li l-post tal-istabbiliment jew ***tal-operat*** tagħhom ikun fl-Unjoni u li, permezz tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jew permezz tal-magni tat-tiftix online, joffru prodotti jew servizzi lil konsumaturi li jinsabu fl- |

| | |
|---|---|
| Unjoni, irrispettivament mill-post tal-istabbiliment jew tar-residenza tal-fornituri ta' dawk is-servizzi. | Unjoni, irrispettivament mill-post tal-istabbiliment jew tar-residenza tal-fornituri ta' dawk is-servizzi.***Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-miżuri settorjali meħuda fil-livell tal-Unjoni jew dak nazzjonali, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) "utent kummerċjali" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li permezz tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online toffri prodotti jew servizzi lill-konsumaturi tagħha, għal finijiet relatati mal-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni tagħha; | (1) "utent kummerċjali" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li permezz tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ***toffri jew timmira li*** toffri prodotti jew servizzi lill-konsumaturi tagħha, għal finijiet relatati mal-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni tagħha; |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jikkostitwixxu servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27] ; | (a) jikkostitwixxu servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27] ***jew jikkostitwixxu sistemi operattivi tat-tagħmir u f'dik il-kapaċità jaġixxu bħala intermedjarji bejn l-iżviluppaturi u l-konsumaturi tal-applikazzjoni online***; |
| ______________ | ______________ |
| [27] Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika | [27] Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika |

| | |
|---|---|
| (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1). | (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1). |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – punt 2 – punti b u c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ikunu jippermettu lill-utenti kummerċjali li joffru prodotti jew servizzi lill-konsumaturi, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat il-bidu ta' tranżazzjonijiet diretti bejn dawk l-utenti kummerċjali u l-konsumaturi, irrispettivament minn fejn jiġu konklużi finalment dawk it-tranżazzjonijiet; | (b) l-għan ewlieni tagħhom ikun li l-utenti kummerċjali jkunu jistgħu joffru prodotti jew servizzi lill-konsumaturi billi jagħtu bidu għal tranżazzjonijiet online diretti bejn dawk l-utenti kummerċjali u l-konsumaturi fuq il-portal online tal-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online inkwistjoni jew permezz ta' kollegament dirett ma' dak tal-utent kummerċjali. |
| (c) jingħataw lill-utenti kummerċjali abbażi ta' relazzjonijiet kuntrattwali bejn, minn naħa, il-fornitur ta' dawn is-servizzi u, min-naħa l-oħra, dawk l-utenti kummerċjali u l-konsumaturi li lilhom dawk l-utenti kummerċjali joffru prodotti jew servizzi; | (c) jingħataw lill-utenti kummerċjali b'mod ġenerali abbażi ta' relazzjonijiet kuntrattwali bejn, minn naħa, il-fornitur ta' dawk is-servizzi u l-utenti kummerċjali li joffru prodotti u servizzi lill-konsumaturi; ***Għall-fini ta' dan ir-Regolament, tali relazzjoni kuntrattwali għandha titqies li teżisti wkoll meta d-dejta personali jew dejta oħra tiġi pprovduta;*** |

| | |
|---|---|
| [9] Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1). | [9] Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1). |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) "sistema operattiva" tfisser*** |

| | |
|---|---|
| | ***softwer li, fost l-oħrajn, jiġġestixxi l-interfaċċa f'ħardwer periferali, jagħmel skedi tal-kompiti, jalloka l-ħażna, u jippreżenta interfaċċa awtomatika lill-utent meta ma jkun qed jitħaddem l-ebda programm ta' applikazzjoni inkluża interfaċċa grafika tal-utent, kemm jekk tali softwer ikun parti integrali mill-ħardwer tal-kompjuter tal-konsumaturi b'għan ġenerali, jew inkella softwer bla ħlas maħsub biex jitħaddem fuq ħardwer tal-kompjuter tal-konsumaturi b'għan ġenerali; madankollu din ma għandhiex tfisser karigatur ta' sistema operattiva, sistema tal-input/output bażika jew firmwer ieħor meħtieġ fil-mument tal-illowdjar jew meta tkun qed tiġi installata s-sistema operattiva;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sistemi operattivi tat-tagħmir mobbli bħall-IOS jew l-Android jikkonsistu minn softwer, li jippermetti lill-applikazzjonijiet jaħdmu fuq tagħmir speċifiku (eż. applikazzjonijiet fuq smartphone). Ir-restrizzjonijiet jew il-bidliet li jiġu imposti apposta mill-manifatturi tat-tagħmir jew mill-fornituri tas-sistemi operattivi jistgħu jillimitaw id-distribuzzjoni u l-aċċess għal ċertu kontenut u ċerti servizzi online – spiss mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva jew permezz ta' mezzi sproporzjonati – u dan jista' jsir għad-detriment tal-utenti. Għalhekk, id-definizzjoni ta' intermedjarji online jenħtieġ li tiġi riveduta sabiex tinkludi b'mod espliċitu s-sistemi operattivi tat-tagħmir.*

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) "magna tat-tiftix online" tfisser servizz diġitali li permezz tiegħu ***isir*** tiftix***, fil-prinċipju, tas-siti*** web ***kollha*** jew ***tas-siti*** web b'lingwa partikolari abbażi ta' rikjesta dwar kwalunkwe suġġett fil-forma ta' kelma muftieħ, frażi jew input ieħor, u li tagħti lura links ***ta'*** fejn tista' tinstab informazzjoni relatata ***mal-kontenut*** | (5) "magna tat-tiftix online" tfisser servizz diġitali***, inklużi fost l-oħrajn interfaċċi u applikazzjonijiet diġitali, li jinkludu applikazzjonijiet mobbli b'funzjonalità ta' tiftix,*** li permezz tiegħu ***jiddaħħlu rikjesti u jsir*** tiftix ***ta' siti*** web ***varji*** jew ***siti*** web ***u applikazzjonijiet mobbli*** b'lingwa partikolari abbażi ta' |

| | |
|---|---|
| ***mitlub***; | rikjesta dwar kwalunkwe suġġett fil-forma ta' kelma muftieħ, frażi jew input ieħor ***(permezz ta' test, vuċi jew kwalunkwe mezz ieħor)***, u li tagħti lura ***kontenut bħal testi qosra, stampi,*** links***, vidjows, awdjos,*** fejn tista' tinstab informazzjoni relatata ***mat-tiftix***; |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) "utent ta' sit web korporattiv" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tuża s-siti web biex toffri prodotti jew servizzi ***lill-konsumaturi, għal finijiet relatati mal-kummerċ, in-negozju, is-sengħa*** jew ***il-professjoni tagħha***; | (7) "utent ta' sit web korporattiv" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tuża s-siti web ***jew mezzi konnessi oħra*** biex toffri prodotti jew servizzi; |

*Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li s-siti web għadhom il-portal prinċipali, l-applikazzjonijiet u mezzi oħra daqt jistgħu jiffaċċjaw l-istess sfidi. Għalhekk, ikun aħjar li jiġu inklużi issa. L-aħħar parti tad-definizzjoni tneħħiet għaliex in-natura tal-klijenti jew l-intenzjoni tal-utent huma irrelevanti għad-drittijiet u għall-obbligi stabbiliti f'dan it-test.*

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) "ikklassifikar" tfisser il-prominenza relattiva mogħtija lill-prodotti jew lis-servizzi offruti lill-konsumaturi minn utenti kummerċjali permezz ta' servizzi tal-intermedjazzjoni online, jew għal siti web indiċjati ***għall-konsumaturi*** permezz ta' magni tat-tiftix online, kif ippreżentati, organizzati jew ikkomunikati ***lil dawk il-konsumaturi*** mill-fornituri tas-servizzi tal- | (8) "ikklassifikar" tfisser il-prominenza ***fir-riżultati tat-tiftix*** relattiva mogħtija lill-prodotti jew lis-servizzi offruti lill-konsumaturi minn utenti kummerċjali permezz ta' servizzi tal-intermedjazzjoni online, jew għal siti web indiċjati permezz ta' magni tat-tiftix online, kif ippreżentati, organizzati jew ikkomunikati mill-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jew |

| | |
|---|---|
| intermedjazzjoni online jew mill-fornituri tal-magni tat-tiftix online, rispettivament, irrispettivament mill-mezzi teknoloġiċi użati għal dawn il-preżentazzjoni, l-organizzazzjoni jew il-komunikazzjoni; | mill-fornituri tal-magni tat-tiftix online, rispettivament, irrispettivament mill-mezzi teknoloġiċi użati għal dawn il-preżentazzjoni, l-organizzazzjoni jew il-komunikazzjoni; |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) "termini u kundizzjonijiet" tfisser ***kull terminu***, ***kundizzjoni***, ***klawsola*** u ***informazzjoni oħra, irrispettivament mill-isem jew il-forma,*** li jirregolaw ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online u l-utenti kummerċjali tagħhom***, u huma determinati b'mod unilaterali mill-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online***. | (10) "termini u kundizzjonijiet" tfisser ***it-termini***, ***il-kundizzjonijiet***, u ***l-klawsoli*** li jirregolaw ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online u l-utenti kummerċjali tagħhom. |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) "sistema operattiva tat-tagħmir" hija softwer li jippermetti lil smartphones, kompjuters u tagħmir ieħor iħaddmu applikazzjonijiet u programmi.*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom jiżguraw li t-termini u l-kundizzjonijiet | 1. Il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom jiżguraw li t-termini u l-kundizzjonijiet |

| | |
|---|---|
| tagħhom: | tagħhom: |
| (a) jitfasslu b'lingwaġġ ċar u mhux ambigwu; | (a) ikunu ġusti u proporzjonati u jitfasslu b'mod sempliċi u li jinftiehem; |
| (b) ikunu disponibbli faċilment għall-utenti kummerċjali fl-istadji kollha tar-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom mal-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online, inkluż l-istadju prekuntrattwali; | (b) ikunu disponibbli faċilment għall-utenti kummerċjali fl-istadji kollha tar-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom mal-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online, inkluż l-istadju prekuntrattwali; |
| (c) jistabbilixxu r-raġunijiet oġġettivi għad-deċiżjonijiet li jissospendu jew jitterminaw, għalkollox jew parzjalment, il-forniment tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online tagħhom lill-utenti kummerċjali. | (c) jistabbilixxu r-raġunijiet, b'mod konsistenti mat-termini u mal-kundizzjonijiet, għad-deċiżjonijiet li jissanzjonaw, jirrestrinġu, jissospendu jew jitterminaw, għalkollox jew parzjalment, il-forniment tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online tagħhom lill-utenti kummerċjali. ***Fl-adozzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet, il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jeħtieġu jirrispettaw id-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u jikkonformaw mal-prinċipju tal-proporzjonalità.*** |
| | ***(ca) jinfurmaw lill-utenti kummerċjali dwar il-mezzi ta' distribuzzjoni addizzjonali tagħhom u l-programmi affiljati potenzjali li huma se jservu mal-offerta tal-utenti kummerċjali. L-utenti kummerċjali għandhom jingħataw id-dritt li jitolbu biex jitneħħew minn tali mezzi ta' distribuzzjoni addizzjonali.*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom jinnotifikaw lill-utenti kummerċjali kkonċernati kull bidla fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom. | 3. Il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom ***mingħajr dewmien*** jinnotifikaw ***fuq mezz li jservi fit-tul*** lill-utenti kummerċjali kkonċernati kull bidla ***sostanzjali*** fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom ***jew fil-funzjonalità, l-interoperabbiltà jew*** |

***karatteristiċi ewlenin oħra ta' prestazzjoni tal-pjattaforma bħall-aċċessibbiltà, il-kontinwità u s-sigurtà tagħha, li tolqot b'mod negattiv l-utent kummerċjali jew taffettwahom b'mod mhux negliġibbli***.

| | |
|---|---|
| Il-bidliet maħsuba ma għandhomx jiġu implimentati qabel l-iskadenza ta' perjodu ta' notifika li jkun raġonevoli u proporzjonat għan-natura u l-firxa tal-bidliet previsti u għall-konsegwenzi tagħhom fuq l-utent kummerċjali kkonċernat. Dak il-perjodu ta' notifika għandu jkun ta' mill-inqas ***15-il ġurnata*** li jibdew mid-data meta l-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jinnotifika lill-utenti kummerċjali kkonċernati dwar il-bidliet maħsuba. | Il-bidliet maħsuba ma għandhomx jiġu implimentati qabel l-iskadenza ta' perjodu ta' notifika li jkun raġonevoli u proporzjonat għan-natura u l-firxa tal-bidliet previsti u għall-konsegwenzi tagħhom fuq l-utent kummerċjali kkonċernat. Dak il-perjodu ta' notifika għandu jkun ta' mill-inqas ***10 ġranet*** li jibdew mid-data meta l-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jinnotifika lill-utenti kummerċjali kkonċernati dwar il-bidliet maħsuba. |
| L-utent kummerċjali kkonċernat jista' jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub ***jew azzjoni affermattiva ċara*** biex jirrinunzja ***mill-perjodu*** ta' notifika msemmi fit-tieni subparagrafu. | L-utent kummerċjali kkonċernat jista' jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub biex jirrinunzja ***l-perjodu*** ta' notifika msemmi fit-tieni subparagrafu. ***L-utent kummerċjali għandu jkun intitolat li jittermina l-ftehim tiegħu mingħajr l-ebda ħlas fi żmien 10 ġranet minn meta jirċievi n-notifika, fejn tali bidliet jagħmlu ħsara sostanzjali lill-utent kummerċjali.*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-bidliet fit-termini u l-kundizzjonijiet implimentati minn fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 għandhom ikunu nulli u bla effett. | 4. Il-bidliet fit-termini u l-kundizzjonijiet implimentati minn fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 għandhom ikunu nulli u bla effett***, kif stabbilit minn qorti kompetenti, għall-bqija tal-perjodu ta' notifika mingħajr preġudizzju għall-validità tad-dispożizzjonijiet li jifdal, li għandhom jibqgħu validi sakemm dawn ikunu jistgħu jiġu separati mid-dispożizzjonijiet li mhumiex konformi***. |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Il-paragrafu*** 3 ma għandux japplika ***meta fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ikun soġġett*** għal ***obbligu legali li jitolbu jibdel it-termini u l-kundizzjonijiet tiegħu b'mod li ma jippermettilux jirrispetta l-perjodu ta' notifika msemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3.*** | 5. ***Il-perjodu ta' notifika stipulat fil-paragrafu*** 3 ma għandux japplika għal***:*** |
| | ***(a) meta fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ikun soġġett għal obbligu legali li jitolbu jibdel it-termini u l-kundizzjonijiet tiegħu b'mod li ma jippermettilux jirrispetta l-perjodu ta' notifika msemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3.*** |
| | ***(b) jekk it-termini u l-kundizzjonijiet ikunu ġew mibdula sabiex jiġu protetti l-interessi leġittimi tal-utenti jew l-operazzjoni tas-servizz tal-intermedjazzjoni online bħala tali; jew*** |
| | ***(c) Jekk bidla għall-funzjonalità, l-interoperabbiltà jew karatteristiċi ewlenin oħra ta' prestazzjoni tal-pjattaforma hija neċessarja sabiex jiġu protetti l-interessi leġittimi tal-utenti jew l-operazzjoni tas-servizz tal-intermedjazzjoni online bħala tali;*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***5a. Il-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandu jiżgura li l-utenti kummerċjali jżommu l-kontroll sħiħ fuq il-marki tagħhom. L-attribuzzjoni tal-marka lill-utent kummerċjali għandha tkun tista' tingħaraf mill-konsumatur fl-istadji kollha tal-proċess tal-intermedjazzjoni.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 4 | Artikolu 4 |
| Sospensjoni u terminazzjoni | ***Restrizzjoni,*** sospensjoni u terminazzjoni |
| 1. Meta fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jiddeċiedi li jissospendi jew ***jittermina,*** għalkollox jew parzjalment, il-forniment tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online tiegħu lil utent kummerċjali partikolari, dan għandu jipprovdi lill-utent kummerċjali kkonċernati, mingħajr dewmien żejjed, b'dikjarazzjoni tar-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni. | 1. Meta fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jiddeċiedi li ***jissanzjona mġiba meqjusa bħala ħażina, jew li*** jissospendi***, jittermina*** jew ***inkella jirrestrinġi*** għalkollox jew parzjalment, il-forniment tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online tiegħu lil utent kummerċjali partikolari, dan għandu jipprovdi lill-utent kummerċjali kkonċernati, mingħajr dewmien żejjed, b'dikjarazzjoni ***dettaljata*** tar-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni. ***Tali deċiżjoni għandha tkun proporzjonata.*** |
| 2. Id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tagħmel referenza għall-fatti jew iċ-ċirkustanzi speċifiċi li wasslu għad-deċiżjoni tal-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online, u referenza għar-raġuni jew ir-raġunijiet ***oġġettivi*** applikabbli għal dik id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 3(1)(c). | 2. Id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tagħmel referenza għall-fatti jew iċ-ċirkustanzi speċifiċi li wasslu għad-deċiżjoni tal-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online, u referenza għar-raġuni jew ir-raġunijiet applikabbli għal dik id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 3(1)(c). ***Meta r-restrizzjoni, is-sospensjoni jew it-terminazzjoni tirriżulta minn notifika ta' parti terza, il-kontenut ta' din in-notifika għandu jiġi inkluż fid-dikjarazzjoni tar-raġunijiet.*** |
| | ***2a. Il-fornituri tas-servizzi tal-*** |

***intermedjazzjoni online u l-fornituri tal-magni tat-tiftix ma għandhomx jitħallew jissospendu, jitterminaw jew inkella jirrestrinġu, l-għoti tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online tagħhom lil utent kummerċjali li jipprovdi servizzi li jikkompetu mal-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online, sakemm dan ma jkunx meħtieġ għar-raġunijiet li ġejjin:***

***(a) biex jiġi evitat kwalunkwe piż mhux raġonevoli fuq il-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online kkawżat mill-utent kummerċjali;***

***(b) biex jiġi indirizzat kwalunkwe nuqqas ta' konformità mill-utent kummerċjali mal-liġijiet applikabbli jew biex il-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jikkonforma mal-liġijiet applikabbli;***

***(c) għal raġunijiet ta' privatezza jew ta' sigurtà.***

***2b. Ir-restrizzjoni, it-terminazzjoni u s-sospensjoni, fejn ikun possibbli u proporzjonat, għandhom jiġu ppreċeduti minn notifika u mill-opportunità li tiġi ċċarata jew stabbilita mill-ġdid il-konformità.***

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 5 | Artikolu 5 |
| L-ikklassifikar | L-ikklassifikar |
| 1. Fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom jistabbilixxu l-parametri ***prinċipali*** li jiddeterminaw l-ikklassifikar u r-raġunijiet għall-importanza relattiva ***ta'*** dawk il-parametri ***prinċipali meta mqabbla ma'*** | 1. Fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom jistabbilixxu l-parametri li jiddeterminaw l-ikklassifikar u r-raġunijiet għall-importanza relattiva ***ta'*** dawk il-parametri. |

| | |
|---|---|
| ***parametri oħra***. | |
| Meta dawk il-parametri ***prinċipali*** jkunu jinkludu l-possibbiltà li jinfluwenzaw l-ikklassifikar ***b'rimunerazzjoni*** diretta jew indiretta mħallsa mill-utenti kummerċjali lill-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online, dak il-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandu jinkludi wkoll fit-termini u l-kundizzjonijiet tiegħu deskrizzjoni ***ta'*** dawk il-possibbiltajiet u tal-effetti ***ta' tali rimunerazzjoni*** fuq l-ikklassifikar. | Meta dawk il-parametri jkunu jinkludu l-possibbiltà li jinfluwenzaw l-ikklassifikar ***b'rimunerazzjoni*** diretta jew indiretta mħallsa mill-utenti kummerċjali lill-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online, dak il-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandu jinkludi wkoll fit-termini u l-kundizzjonijiet tiegħu deskrizzjoni ***ta'*** dawk il-possibbiltajiet u tal-effetti ***ta' din ir-rimunerazzjoni*** fuq l-ikklassifikar. |
| | ***Meta jkun qed juri r-riżultati, is-servizz tal-intermedjazzjoni online għandu jiżvela qrib ta' kull ikklassifikar jekk u sa liema punt dan ikunx ġie influwenzat b'rimunerazzjoni diretta jew indiretta, jew b'relazzjonijiet ta' sjieda kuntrattwali jew diretta.*** |
| | ***1a. Meta fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jkun bidel l-ordni tal-ikklassifikar f'każ speċifiku jew neħħa mil-lista prodott jew servizz partikolari li jiġi offrut minn utent kummerċjali wara notifika ta' parti terza, il-fornitur għandu jipprovdi lill-utent kummerċjali kkonċernat, mingħajr dewmien żejjed, dikjarazzjoni tar-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni. Id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għandha tinkludi referenza għall-fatti u ċ-ċirkostanzi speċifiċi li wasslu għad-deċiżjoni tal-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online, kif ukoll il-kontenut tan-notifika.*** |
| 2. Il-fornituri tal-magni tat-tiftix online għandhom jistabbilixxu l-parametri ***prinċipali*** li jiddeterminaw l-ikklassifikar***, għall-utenti ta' siti web korporattivi***, billi jipprovdu deskrizzjoni aċċessibbli faċilment u disponibbli għall-pubbliku mfassla b'lingwaġġ ċar u mhux ambigwu dwar il-magni tat-tiftix online ta' dawk il-fornituri. Dawn għandhom iżommu dik id-deskrizzjoni aġġornata. | 2. Il-fornituri tal-magni tat-tiftix online għandhom jistabbilixxu l-parametri li jiddeterminaw l-ikklassifikar ***tas-siti web indiċjati kollha u r-raġunijiet għall-importanza relattiva ta' dawk il-parametri***, billi jipprovdu deskrizzjoni aċċessibbli faċilment u disponibbli għall-pubbliku mfassla b'lingwaġġ ċar u mhux ambigwu dwar il-magni tat-tiftix online ta' dawk il-fornituri. Dawn għandhom iżommu dik id-deskrizzjoni aġġornata ***fir-rigward ta' bidliet sostanzjali li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li se jaffettwaw*** |

***lill-utenti ta' siti web korporattivi b'mod mhux negliġibbli. Bħala eċċezzjoni, f'każijiet fejn l-iżvelar tal-parametri kollha jmur kontra prattiki ġusti, raġonevoli u proporzjonati, il-parametri prinċipali biss għandhom jiġu dejjem ippreżentati fid-dettall. Il-parametri li jiddeterminaw l-ikklassifikar ma għandhomx jiġu applikati b'mod diskriminatorju.***

***2a. Meta fornitur ta' magna tat-tiftix online jkun bidel l-ordni tal-ikklassifikar f'każ speċifiku jew neħħa mil-lista sit web partikolari wara notifika ta' parti terza, il-fornitur għandu joffri l-possibbiltà biex l-utent kummerċjali jispezzjona l-kontenut tan-notifika f'bażi ta' dejta online disponibbli għall-pubbliku. Il-fornitur ta' magna tat-tiftix online għandu joffri lill-utenti kummerċjali korporattivi mekkaniżmu tal-ilmenti u ta' rimedju biex jiġu kkoreġuti tneħħijiet mil-lista jew bidliet għall-ordni tal-ikklassifikar wara notifika żbaljata.***

| | |
|---|---|
| 3. Id-deskrizzjonijiet msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu biżżejjed biex l-utenti kummerċjali jew l-utenti ta' siti web korporattivi jkunu jistgħu jiksbu għarfien xieraq ta' jekk il-mekkaniżmu tal-ikklassifikar jikkunsidrax dawn li ġejjin, u jekk iva kif u sa liema punt: | 3. Id-deskrizzjonijiet msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu biżżejjed biex l-utenti kummerċjali jew l-utenti ta' siti web korporattivi jkunu jistgħu jiksbu għarfien xieraq ta' jekk il-mekkaniżmu tal-ikklassifikar jikkunsidrax dawn li ġejjin, u jekk iva kif u sa liema punt: |
| (a) il-karatteristiċi tal-prodotti u tas-servizzi offruti lill-konsumaturi permezz tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jew il-magna tat-tiftix online; | (a) il-karatteristiċi tal-prodotti u tas-servizzi offruti lill-konsumaturi permezz tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jew il-magna tat-tiftix online; |
| (b) ir-rilevanza ta' dawk il-karatteristiċi għal dawk il-konsumaturi; | (b) ir-rilevanza ta' dawk il-karatteristiċi għal dawk il-konsumaturi; |
| (c) fir-rigward tal-magna tat-tiftix online, il-karatteristiċi tad-disinn tas-sit web ***użat mill-utenti ta' siti web korporattivi***. | (c) fir-rigward tal-magna tat-tiftix online, il-karatteristiċi tad-disinn tas-sit web ***indiċjat***. |
| 4. ***Meta jikkonformaw mar-rekwiżiti ta'*** dan l-Artikolu***, il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online u l-fornituri tal-magni tat-tiftix online ma għandhomx jintalbu jiżvelaw xi sigrieti kummerċjali*** | 4. Dan l-Artikolu ***għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva*** (UE) 2016/943. |

***kif definit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva*** (UE) 2016/943.

***4a. Il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online u l-fornituri tal-magni tat-tiftix online għandhom jiżguraw li l-issodisfar tal-obbligi tat-trasparenza skont dan l-Artikolu ma jirriżultax fi ħsara għall-konsumatur wara l-manipulazzjoni tal-ikklassifikar mill-utenti kummerċjali u mis-siti web kummerċjali korporattivi.***

***4b. Ir-rekwiżiti tat-trasparenza msemmija f'dan l-Artikolu għandhom ikunu akkumpanjati minn linji gwida maħruġa mill-Kummissjoni li jirrigwardaw il-kundizzjonijiet li magħhom għandu jkunkonformi servizz tal-intermedjazzjoni online skont dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-konformità xierqa ma' dawn ir-rekwiżiti.***

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 6 | Artikolu 6 |
| Trattament differenzjat | Trattament differenzjat |
| 1. Fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom jinkludu deskrizzjoni ta' kull trattament differenzjat li jagħtu, jew li jistgħu jagħtu, fir-rigward tal-prodotti jew tas-servizzi offruti, minn naħa, lill-konsumaturi permezz ta' dawk is-servizzi tal-intermedjazzjoni online minn dak il-fornitur stess jew minn xi utent kummerċjali u, min-naħa l-oħra, lil utenti kummerċjali oħrajn. | 1. Fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom jinkludu deskrizzjoni ta' kull trattament differenzjat li jagħtu, jew li jistgħu jagħtu, fir-rigward tal-prodotti jew tas-servizzi offruti, minn naħa, lill-konsumaturi permezz ta' dawk is-servizzi tal-intermedjazzjoni online minn dak il-fornitur stess jew minn xi utent kummerċjali u, min-naħa l-oħra, lil utenti kummerċjali oħrajn. |
| | ***1a. Il-fornituri tal-magni tat-tiftix online għandhom jistabbilixxu għall-utenti ta' siti web korporattivi,*** |

| | |
|---|---|
| | ***deskrizzjoni ta' kull trattament differenzjat li jagħtu, jew li jistgħu jagħtu, fir-rigward, minn naħa, tal-prodotti jew tas-servizzi offruti lill-konsumaturi permezz ta' dawk is-servizzi tal-magni tat-tiftix online minn dak il-fornitur stess jew minn kwalunkwe utent ta' sit web korporattiv ikkontrollat minn dak il-fornitur u, min-naħa l-oħra, ta' utenti ta' siti web korporattivi oħra.*** |
| | ***1b. Fir-rigward, minn naħa waħda, tal-prodotti jew tas-servizzi offruti lill-konsumaturi permezz ta' dawk is-servizzi tal-intermedjazzjoni online jew minn dak il-fornitur innifsu jew minn kwalunkwe utent kummerċjali li dak il-fornitur jikkontrolla u, min-naħa l-oħra, ta' utenti kummerċjali oħra, il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom jużaw prattiki proporzjonati, ġusti u trasparenti.*** |
| 2. Id-deskrizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkopri mill-anqas, meta applikabbli, kull trattament differenzjat permezz ta' miżuri speċifiċi meħuda mill-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online, jew bl-imġiba tiegħu, relatati ma' xi waħda minn dawn li ġejjin: | 2. Id-deskrizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ***u 2*** għandha tkopri mill-anqas, meta applikabbli, kull trattament differenzjat permezz ta' miżuri speċifiċi meħuda mill-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ***jew mill-fornitur ta' magni tat-tiftix online***, jew bl-imġiba tiegħu, relatati ma' xi waħda minn dawn li ġejjin: |
| (a) l-aċċess li l-fornitur, jew li l-utenti kummerċjali li dak il-fornitur jikkontrolla, jista' jkollhom għal xi dejta personali jew dejta oħra, jew it-tnejn li huma, li l-utenti kummerċjali jew il-konsumaturi jipprovdu għall-użu tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ikkonċernati jew li huma ġġenerati permezz tal-forniment ta' dawk is-servizzi; | (a) l-aċċess li l-fornitur, jew li l-utenti kummerċjali li dak il-fornitur jikkontrolla, jista' jkollhom għal xi dejta personali jew dejta oħra, jew it-tnejn li huma, li l-utenti kummerċjali jew il-konsumaturi jipprovdu għall-użu tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ikkonċernati jew li huma ġġenerati permezz tal-forniment ta' dawk is-servizzi; |
| (b) l-ikklassifikar; | (b) l-ikklassifikar ***u s-settings awtomatiċi***; |
| (c) kull rimunerazzjoni diretta jew indiretta mħallsa għall-użu tas-servizz tal-intermedjazzjoni online ***ikkonċernat***; | (c) kull rimunerazzjoni diretta jew indiretta mħallsa għall-użu tas-servizz tal-intermedjazzjoni online ***jew tas-servizz tal-magna tat-tiftix online kkonċernat***; |
| (d) l-aċċess għal servizzi, jew il-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom, li huma | (d) l-aċċess għal servizzi, jew il-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom, li huma |

| | |
|---|---|
| konnessi direttament jew anċillari għas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ikkonċernati. | konnessi direttament jew anċillari għas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ***jew għas-servizzi tal-magni tat-tiftix online*** ikkonċernati.<br>***2a. Il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online li jipprovdu, direttament jew indirettament permezz ta' negozji taħt il-kontroll tagħhom, prodotti jew servizzi lill-konsumaturi li jikkompetu ma' dawk ipprovduti mill-utenti kummerċjali tagħhom, għandhom jippermettu lill-konsumaturi jagħżlu liberament liema prodott jew servizz jużaw awtomatikament meta jużaw is-servizz tal-intermedjazzjoni online.***<br>***2b. Meta jkun qed juri r-riżultati, is-servizz tal-intermedjazzjoni online għandu jiżvela wkoll qrib ta' kull prodott jew servizz li għalih ta trattament differenzjat, b'mod faċilment rikonoxxibbli, dwar jekk dan ikunx ġie influwenzat b'rimunerazzjoni diretta jew indiretta, jew b'relazzjonijiet ta' sjieda kuntrattwali jew diretta.*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 6a***<br>***Prattiki kummerċjali inġusti***<br>***1. Il-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ma għandux jinvolvi ruħu fi prattiki kummerċjali inġusti. Prattika għandha tikkostitwixxi prattika kummerċjali inġusta jekk il-prattika twassal għal sitwazzjonijiet fejn ikun hemm impatt materjalment detrimentali fuq il-kompetizzjoni u fuq l-għażla tal-konsumatur. Fil-valutazzjoni ta' jekk prattika kummerċjali hijiex*** |

| | |
|---|---|
| | ***inġusta, għandhom jitqiesu l-fatturi li ġejjin:*** <br> ***(a) il-pożizzjoni fis-suq tal-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online u tal-utent kummerċjali; and*** <br> ***(b) jekk hemmx żbilanċ sinifikanti fl-abbiltajiet ta' negozjar tal-partijiet li jirriżulta fl-impożizzjoni ta' piż mhux raġonevoli mill-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online fuq l-utent kummerċjali fit-termini u l-kundizzjonijiet tiegħu jew fil-prattiki kummerċjali tiegħu.*** <br> ***2. Id-Direttiva 2005/29/KE għandha tapplika mutatis mutandis.*** <br> ***3. L-Anness I jipprovdi lista mhux eżawrjenti tal-prattiki kummerċjali li għandhom jitqiesu bħala inġusti skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament. Dan l-Anness għandu japplika fl-istati Membri kollha u għandu jiġi rivedut perjodikament mill-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni għall-Osservatorju tal-UE dwar l-Ekonomija tal-Pjattaformi Online. Il-grupp ta' esperti jista' jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar aktar prattiki kummerjali, li għandhom jitqiesu bħala inġusti skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 7 | Artikolu 7 |
| L-aċċess għad-dejta | L-aċċess għad-dejta |
| 1. Fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom jinkludu deskrizzjoni tal-aċċess tekniku u kuntrattwali, jew in-nuqqas tiegħu, tal-utenti kummerċjali għal xi dejta personali | 1. Fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ***u tal-magni tat-tiftix online*** għandhom jinkludu deskrizzjoni tal-aċċess tekniku u kuntrattwali, jew in-nuqqas tiegħu, tal- |

| | |
|---|---|
| jew dejta oħra, jew it-tnejn li huma, li l-utenti kummerċjali jew il-konsumaturi jipprovdu għall-użu tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ***ikkonċernati*** jew li huma ġġenerati permezz tal-forniment ta' dawk is-servizzi. | utenti kummerċjali għal xi dejta personali jew dejta oħra, jew it-tnejn li huma, li l-utenti kummerċjali***, l-utenti ta' siti web korporattivi*** jew il-konsumaturi jipprovdu għall-użu tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ***jew tal-magni tat-tiftix online kkonċernati*** jew li huma ġġenerati permezz tal-forniment ta' dawk is-servizzi. |
| 2. Bid-deskrizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom jinfurmaw ***lill-utenti kummerċjali*** kif xieraq mill-inqas dwar dawn li ġejjin: | 2. Bid-deskrizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ***jew tal-magni tat-tiftix online*** għandhom jinfurmaw ***lill-pubbliku*** kif xieraq mill-inqas dwar dawn li ġejjin: |
| (a) jekk il-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandux aċċess għal dejta personali jew għal dejta oħra, jew it-tnejn li huma, li l-utenti kummerċjali jew il-konsumaturi jipprovdu għall-użu ta' dawk is-servizzi jew li huma ġġenerati permezz tal-forniment ta' dawk is-servizzi, u jekk iva għal liema kategoriji ta' dik id-dejta u b'liema kundizzjonijiet; | (a) jekk il-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ***jew tal-magni tat-tiftix online*** għandux aċċess għal dejta personali jew għal dejta oħra, jew it-tnejn li huma, li l-utenti kummerċjali***, l-utenti ta' siti web korporattivi*** jew il-konsumaturi jipprovdu għall-użu ta' dawk is-servizzi jew li huma ġġenerati permezz tal-forniment ta' dawk is-servizzi, u jekk iva għal liema kategoriji ta' dik id-dejta u b'liema kundizzjonijiet; |
| (b) jekk utent kummerċjali għandux aċċess għal dejta personali jew għal dejta oħra, jew għat-tnejn li huma, mogħtija minn dak l-utent kummerċjali b'rabta mal-użu tiegħu tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ikkonċernati jew iġġenerata permezz tal-forniment ta' dawk is-servizzi lil dak l-utent kummerċjali u lill-konsumaturi tal-prodotti jew is-servizzi tiegħu, u jekk iva għal liema kategoriji ta' din id-dejta u b'liema kundizzjonijiet; | (b) jekk utent kummerċjali għandux aċċess għal dejta personali jew għal dejta oħra, jew għat-tnejn li huma, mogħtija minn dak l-utent kummerċjali b'rabta mal-użu tiegħu tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ***jew tal-magni tat-tiftix online kkonċernati*** jew iġġenerata permezz tal-forniment ta' dawk is-servizzi lil dak l-utent kummerċjali u lill-konsumaturi tal-prodotti jew is-servizzi tiegħu, u jekk iva għal liema kategoriji ta' din id-dejta u b'liema kundizzjonijiet; |
| (c) jekk, minbarra l-punt (b), utent kummerċjali għandux aċċess għal dejta personali jew għal dejta oħra, jew għat-tnejn li huma, inkluż f'forma aggregata, mogħtija jew iġġenerata permezz tal-forniment tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ***kollha*** lil kull utent kummerċjali u lill-konsumaturi tagħhom, u jekk iva għal liema kategoriji ta' din id-dejta u b'liema kundizzjonijiet**.** | (c) jekk, minbarra l-punt (b), utent kummerċjali għandux aċċess għal dejta personali jew għal dejta oħra, jew għat-tnejn li huma, inkluż f'forma aggregata, mogħtija jew iġġenerata permezz tal-forniment tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ***jew tal-magni tat-tiftix online*** lil kull utent kummerċjali u lill-konsumaturi tagħhom, u jekk iva għal liema kategoriji ta' din id-dejta u b'liema kundizzjonijiet***;*** |

***(ca) jekk f'każ ta' ksur tal-obbligi kuntrattwali jew f'każ ta' falliment tas-suq mill-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online, l-utenti kummerċjali għandhomx id-dritt li jaċċessaw u jirkupraw id-dejta, jew xi kategoriji tad-dejta, li huma jkunu ssottomettew lill-fornitur.***

***2a. L-utenti kummerċjali għandhom jiżguraw li d-dejta tal-prodotti u s-servizzi tagħhom, b'mod partikolari l-elementi kollha tal-prezz, li huma jissottomettu lill-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online tkun korretta, u li d-dejta tkun adegwata biex tippermettilhom jirrispettaw l-obbligi legali tagħhom, b'mod partikolari fil-konfront tal-konsumaturi.***

***2b. Il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom jagħtu lil kull utent kummerċjali aċċess għal dejta tal-konsumaturi anonimizzata, f'format standardizzat u li jista' jinqara mill-magni u ġeneralement użat, iġġenerata permezz tal-faċilitazzjoni ta' tranżazzjoni bejn il-konsumaturi u l-utent kummerċjali kkonċernat. Dan l-obbligu huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi li s-servizzi tal-intermedjazzjoni online jridu jikkonformaw magħhom skont ir-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza.***

***2c. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni rilevanti applikabbli għall-protezzjoni tad-dejta personali u tal-privatezza, il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom jagħtu lill-utenti kummerċjali aċċess għad-dejta kollha li jkunu kisbu b'riżultat tal-attività kummerċjali tal-utent kummerċjali rispettiv.***

***2d. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni rilevanti applikabbli għall-protezzjoni tad-dejta personali u tal-privatezza, il-fornituri tal-magni tat-tiftix online għandhom jagħtu lill-utenti ta' siti web korporattivi aċċess għad-dejta kollha***

***li jkunu kisbu b'riżultat tal-attività tas-sit web korporattiva inkwistjoni.***

***2e. Id-dejta msemmija fil-paragrafi 2c u 2d għandha tiġi pprovduta f'format li jista' jinqara mill-magni u użat ġeneralment u standardizzat.***

***2f. Il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom, fuq talba minn konsumatur tas-servizzi tagħhom, jagħtu aċċess għad-dejta personali jew dejta oħra, jew għat-tnejn li huma, iġġenerata direttament jew indirettament mill-attività tal-konsumatur, lil parti terza magħżula mill-konsumatur. Tali aċċess għandu jingħata skont termini ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji.***

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 8 | Artikolu 8 |
| Restrizzjonijiet biex jiġu offruti kundizzjonijiet differenti b'mezzi oħra | Restrizzjonijiet biex jiġu offruti kundizzjonijiet differenti b'mezzi oħra |
| 1. Meta, fil-forniment tas-servizzi tagħhom, il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jillimitaw l-abbiltà tal-utenti kummerċjali li joffru l-istess prodotti u servizzi lill-konsumaturi b'kundizzjonijiet differenti permezz ta' mezzi oħra, għajr permezz ta' dawk is-servizzi, dawn għandhom jinkludu r-raġunijiet għal dik ir-restrizzjoni fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom u jagħmlu dawk ir-raġunijiet disponibbli faċilment għall-pubbliku. Dawk ir-raġunijiet għandhom jinkludu il-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi, kummerċjali jew ġuridiċi ewlenin għal dawk ir-restrizzjonijiet. | 1. ***Il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ma għandhomx jillimitaw l-abbiltà tal-utenti kummerċjali li joffru l-istess prodotti u servizzi lill-konsumaturi b'kundizzjonijiet differenti jew bl-istess kundizzjonijiet permezz ta' servizzi tal-intermedjazzjoni online oħra.*** Meta, fil-forniment tas-servizzi tagħhom, il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jillimitaw l-abbiltà tal-utenti kummerċjali li joffru l-istess prodotti u servizzi lill-konsumaturi b'kundizzjonijiet differenti permezz ta' mezzi oħra, għajr permezz ta' dawk is-servizzi, dawn għandhom jinkludu r-raġunijiet għal dik ir-restrizzjoni fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom u jagħmlu dawk ir-raġunijiet |

| | |
|---|---|
| | disponibbli faċilment għall-pubbliku. Dawk ir-raġunijiet għandhom jinkludu il-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi, kummerċjali jew ġuridiċi ewlenin għal dawk ir-restrizzjonijiet. ***Ir-restrizzjonijiet għandhom ikunu proporzjonati, temporanji u jirrappreżentaw interess leġittimu tal-fornitur.*** |
| 2. ***L-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1*** ma għandux jaffettwa l-projbizzjonijiet jew il-limitazzjonijiet minħabba l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet bħal dawn li ġġib magħha l-applikazzjoni ta' regoli oħrajn tal-Unjoni jew ta' regoli nazzjonali li huma konformi mad-dritt tal-Unjoni u li għalihom huma soġġetti l-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online. | 2. ***Dan ir-Regolament*** ma għandux jaffettwa l-projbizzjonijiet jew il-limitazzjonijiet minħabba l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet bħal dawn li ġġib magħha l-applikazzjoni ta' regoli oħrajn tal-Unjoni jew ta' regoli nazzjonali li huma konformi mad-dritt tal-Unjoni u li għalihom huma soġġetti l-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online. ***B'mod partikolari, ir-riskji li jappartjenu għall-prattiki msemmija fil-paragrafu 1 biex tinħoloq kollużjoni dwar il-prezzijiet bejn il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom jiġu eżaminati mill-qrib.*** |
| | ***2a. L-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ma għandux jirriżulta fir-restrizzjoni tat-tgawdija tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali mid-detenturi tagħhom.*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Is-sistema interna tat-trattament tal-ilmenti għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji tat-trattament ugwali u l-użu tagħha ma għandu jwassal għall-ebda trattament detrimentali tal-utent kummerċjali.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li kwalunkwe tilwim jista' jwassal għal miżuri punittivi, ikun xieraq li jkun hemm salvagwardji biex jipprevjenu dan.*

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jgħarrfu lill-ilmentatur dwar l-eżitu tal-proċess intern tat-trattament tal-ilmenti, b'mod individwalizzat u ***mfassal*** b'lingwaġġ ċar u mingħajr ambigwità. | (c) jgħarrfu lill-ilmentatur ***mingħajr dewmien*** dwar l-eżitu tal-proċess intern tat-trattament tal-ilmenti, b'mod individwalizzat***, li jagħti ġustifikazzjoni xierqa*** u ***jkun imfassal*** b'lingwaġġ ċar u mingħajr ambigwità. |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Kull sena,*** il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom ***jistabbilixxu informazzjoni dwar il-funzjonament u l-effikaċja tas-sistema interna*** tat-trattament tal-ilmenti tagħhom, ***u jagħmluha aċċessibbli faċilment għall-pubbliku***. | Il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom ***jipprovdu rapport annwali dwar l-użu tas-sistemi interni*** tat-trattament tal-ilmenti tagħhom, ***fejn jiddeskrivu t-tipi ewlenin tal-problemi li n-negozji jistgħu jiffaċċjaw meta jużaw is-servizz tal-intermedjazzjoni online***. |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dik l-informazzjoni għandha tinkludi l-għadd totali ta' lmenti mressqa, ***is-suġġett ta' dawn l-ilmenti, il-perjodu*** taż-żmien meħtieġ biex jiġu pproċessati l-ilmenti u d-deċiżjoni meħuda dwar l-ilmenti. | Dik l-informazzjoni għandha tinkludi l-għadd totali ta' lmenti mressqa, ***it-tipi ewlenin tal-ilmenti u l-perjodu*** taż-żmien ***medju*** meħtieġ biex jiġu pproċessati l-ilmenti u d-deċiżjoni meħuda dwar l-ilmenti. |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma ***japplikawx*** għall-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online**,** li huma intrapriżi żgħar skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2) tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE. | 5. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma ***għandhomx japplikaw*** għall-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online li huma intrapriżi żgħar**,** skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2) tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE[29] ***matul l-ewwel tliet snin jew fil-fażi tal-bidu tal-operazzjonijiet tan-negozju tagħhom***. |
| [29] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36). | [29] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36). |

*Ġustifikazzjoni*

*Eżenzjoni hija aktar xierqa meta l-intrapriżi żgħar jkunu qed jistabbilixxu lilhom infushom. Wara dan, aktarx is-suq u l-konsumaturi se jistennew li fi kwalunkwe każ dawn jikkonformaw mal-istandards ta' kumpaniji akbar.*

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 10 | Artikolu 10 |
| Medjazzjoni | Medjazzjoni |
| 1. Fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom jidentifikaw medjatur wieħed jew bosta li huma lesti jimpenjaw ruħhom biex jippruvaw jilħqu ftehim mal-utenti kummerċjali dwar ir-riżoluzzjoni, barra mill-qorti, ta' tilwim bejn il-fornitur u l-utent kummerċjali li jinqala' b'rabta mal-forniment tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ikkonċernati, inkluż ilmenti li ma | 1. Fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom jimmiraw li jidentifikaw medjatur wieħed jew bosta li huma lesti jimpenjaw ruħhom biex jippruvaw jilħqu ftehim mal-utenti kummerċjali dwar ir-riżoluzzjoni, barra mill-qorti, ta' kwalunkwe tilwim bejn il-fornitur u l-utent kummerċjali li jinqala' b'rabta mal-forniment tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online kkonċernati, li ma |

| | |
|---|---|
| setgħux jissolvew bis-sistema interna tat-trattament tal-ilmenti msemmija fl-Artikolu 9. | setgħux jissolvew bis-sistema interna tat-trattament tal-ilmenti msemmija fl-Artikolu 9. |
| Il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jistgħu jidentifikaw biss lill-medjaturi li jipprovdu s-servizzi tal-medjazzjoni tagħhom minn post barra l-Unjoni fejn ikun żgurat li l-utenti kummerċjali kkonċernati ma jiġux imċaħħda effettivament mill-benefiċċju tas-salvagwardji legali stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġi tal-Istati Membri minħabba l-fatt li l-medjaturi jkun qed jipprovdu dawn is-servizzi minn barra l-Unjoni. | Il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jistgħu jidentifikaw biss lill-medjaturi li jipprovdu s-servizzi tal-medjazzjoni tagħhom minn post barra l-Unjoni fejn ikun żgurat li l-utenti kummerċjali kkonċernati ma jiġux imċaħħda effettivament mill-benefiċċju tas-salvagwardji legali stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġi tal-Istati Membri minħabba l-fatt li l-medjaturi jkun qed jipprovdu dawn is-servizzi minn barra l-Unjoni. |
| 2. Il-medjaturi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin: | 2. Il-medjaturi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin: |
| (a) ikunu imparzjali u indipendenti; | (a) ikunu imparzjali u indipendenti; |
| (b) is-servizzi tal-medjazzjoni tagħhom ikunu affordabbli għal utent kummerċjali medju tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ikkonċernati; | (b) is-servizzi tal-medjazzjoni tagħhom ikunu affordabbli għal utent kummerċjali medju tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ikkonċernati; |
| (c) ikunu kapaċi jipprovdu s-servizzi tal-medjazzjoni tagħhom bil-lingwa tat-termini u l-kundizzjonijiet li jirregolaw ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online u l-utent kummerċjali kkonċernat; | (c) ikunu kapaċi jipprovdu s-servizzi tal-medjazzjoni tagħhom bil-lingwa tat-termini u l-kundizzjonijiet li jirregolaw ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online u l-utent kummerċjali kkonċernat; |
| (d) ikunu aċċessibbli faċilment, kemm fiżikament fil-post tal-istabbiliment jew tar-residenza tal-utent kummerċjali, jew mill-bogħod permezz ta' teknoloġiji tal-komunikazzjoni; | (d) ikunu aċċessibbli faċilment, kemm fiżikament fil-post tal-istabbiliment jew tar-residenza tal-utent kummerċjali, jew mill-bogħod permezz ta' teknoloġiji tal-komunikazzjoni; |
| (e) ikunu kapaċi jipprovdu s-servizzi tal-medjazzjoni tagħhom mingħajr dewmien żejjed; | (e) ikunu kapaċi jipprovdu s-servizzi tal-medjazzjoni tagħhom mingħajr dewmien żejjed; |
| (f) ikunu jifhmu biżżejjed ir-relazzjonijiet kummerċjali ġenerali bejn in-negozji, li jippermettulhom jikkontribwixxu b'mod effettiv biex jippruvaw isolvu t-tilwim. | (f) ikunu jifhmu biżżejjed ir-relazzjonijiet kummerċjali ġenerali bejn in-negozji, li jippermettulhom jikkontribwixxu b'mod effettiv biex jippruvaw isolvu t-tilwim. |
| 3. Il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom jimpenjaw ruħhom in bona fede f'kull tentattiv biex jintlaħaq ftehim permezz tal- | 3. Il-partijiet involuti fil-medjazzjoni għandhom jimpenjaw ruħhom i*n bona fede* f'kull tentattiv biex jintlaħaq ftehim permezz tal-medjazzjoni volontarja ta' xi |

| | |
|---|---|
| medjazzjoni ta' xi wieħed mill-medjaturi li jidentifikaw skont il-paragrafu 1, bil-ħsieb li jilħqu ftehim dwar ir-riżoluzzjoni tat-tilwima. | wieħed mill-medjaturi li jidentifikaw skont il-paragrafu 1, bil-ħsieb li jilħqu ftehim dwar ir-riżoluzzjoni tat-tilwima f'perjodu ta' żmien li ma jkunx itwal minn 25 ġurnata li jibda jiddekorri mill-bidu tal-medjazzjoni, sakemm l-osservanza ta' din l-iskadenza ma tkunx tikkostitwixxi piż mhux raġonevoli meta titqies il-kumplessità tat-tilwima. ***F'dan il-każ, għandu jintlaħaq ftehim f'perjodu ta' żmien ta' mhux aktar minn 90 ġurnata.*** |
| 4. Il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom iġarrbu proporzjon raġonevoli tal-ispejjeż totali tal-medjazzjoni f'kull każ individwali. Proporzjon raġonevoli ta' dawk l-ispejjeż totali għandu jiġi ddeterminat, abbażi ta' suġġeriment mill-medjatur, billi jitqiesu l-elementi rilevanti kollha ta' dan il-każ inkwistjoni, b'mod partikolari l-merti relattivi tal-pretensjonijiet tal-partijiet tat-tilwima, il-kondotta tal-partijiet, u d-daqs u l-qawwa finanzjarja tal-partijiet b'mod relattiv għal xulxin. ***Iżda l-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom mill-inqas iġarrbu nofs l-ispejjeż totali f'kull każ.*** | 4. Il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online u l-utenti kummerċjali għandhom mill-inqas iġarrbu nofs l-ispejjeż totali tal-medjazzjoni f'kull każ. Proporzjon raġonevoli ta' dawk l-ispejjeż totali għandu jiġi ddeterminat, abbażi ta' suġġeriment mill-medjatur, billi jitqiesu l-elementi rilevanti kollha ta' dan il-każ inkwistjoni, b'mod partikolari l-merti relattivi tal-pretensjonijiet tal-partijiet tat-tilwima, il-kondotta tal-partijiet, u d-daqs u l-qawwa finanzjarja tal-partijiet b'mod relattiv għal xulxin. Jekk il-medjatur, madankollu, jikkonstata li l-utent kummerċjali qed jaġixxi in mala fede jew qed jipprova jabbuża mill-proċess ta' medjazzjoni, jista' jiddeċiedi li l-utent kummerċjali jġarrab aktar min-nofs l-ispejjeż totali. |
| 5. Kull tentattiv biex jintlaħaq ftehim permezz tal-medjazzjoni għar-riżoluzzjoni tat-tilwim skont dan l-Artikolu ma għandux jaffettwa d-drittijiet tal-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online u tal-utenti kummerċjali kkonċernati milli jiftħu proċedimenti ġudizzjarji fi kwalunkwe ħin waqt jew wara l-proċess tal-medjazzjoni. | 5. Kull tentattiv biex jintlaħaq ftehim permezz tas-sistema interna tat-trattament tal-ilmenti skont dan l-Artikolu m'għandux jaffettwa d-drittijiet tal-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online u tal-utenti kummerċjali kkonċernati biex jibdew proċedimenti ġudizzjarji fi kwalunkwe ħin qabel, matul jew wara l-proċess. ***Il-bidu ta' proċedimenti ġudizzjarji ma għandux ikun kundizzjonali fuq il-bidu tal-proċess ta' medjazzjoni.*** |
| | ***5a. Kull sena, il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online għandhom jistabbilixxu informazzjoni dwar il-funzjonament u l-effikaċja tal-medjazzjoni relatata mal-attivitajiet, u jagħmluha aċċessibbli faċilment għall-*** |

***pubbliku. Dawk ir-rapporti għandhom tal-anqas jinkludu informazzjoni dwar l-għadd totali ta' każijiet ta' medjazzjoni, is-suġġett tal-ilmenti, il-perjodu taż-żmien meħtieġ biex jiġu pproċessati l-ilmenti u d-deċiżjoni meħuda dwar l-ilmenti.***

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 12 | Artikolu 12 |
| Proċedimenti ġudizzjarji minn organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u minn korpi pubbliċi | Proċedimenti ġudizzjarji minn organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u minn korpi pubbliċi |
| 1. L-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet li għandhom interess leġittimu f'li jirrappreżentaw lill-utenti kummerċjali jew f'li jirrappreżentaw lill-utenti ta' siti web korporattivi, kif ukoll il-korpi pubbliċi stabbiliti fl-IstatiMembri, għandu jkollhom id-dritt li jieħdu azzjoni quddiem il-qrati nazzjonali fl-Unjoni, skont ir-regoli tal-liġi tal-Istat Membru fejn tkun tressqet l-azzjoni, biex jitterminaw jew jipprojbixxu xi nuqqas ta' konformità mill-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jew mill-fornituri tal-magni tat-tiftix online mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament. | 1. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) 2016/679 u wara li jkunu ġew eżawriti l-possibiltajiet l-oħra kollha biex tiġi solvuta tilwima bejn pjattaforma u utent kummerċjali previsti f'Artikoli 9 u 10 dan ir-Regolament,*** l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet li għandhom interess ***ġenwin fit-tul u*** leġittimu f'li jirrappreżentaw lill-utenti kummerċjali jew f'li jirrappreżentaw lill-utenti ta' siti web korporattivi ***u li huma awtorizzati u ssorveljati minn korpi pubbliċi xierqa tal-Istati Membri***, kif ukoll il-korpi pubbliċi stabbiliti fl-Istati Membri, għandu jkollhom id-dritt li jieħdu azzjoni quddiem il-qrati nazzjonali fl-Unjoni, skont ir-regoli tal-liġi tal-Istat Membru fejn tkun tressqet l-azzjoni, biex jitterminaw jew jipprojbixxu xi nuqqas ta' konformità mill-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jew mill-fornituri tal-magni tat-tiftix online mar-rekwiżiti ***relatati mal-informazzjoni, in-nondiskriminazzjoni u l-aċċess għal dejta*** stabbiliti f'dan ir-Regolament. |
| 2. L-organizzazzjonijiet jew l- | 2. L-organizzazzjonijiet jew l- |

| | |
|---|---|
| assoċjazzjonijiet għandu jkollhom id-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 biss jekk, meta tiġi ppreżentata l-azzjoni, dawn ikunu jissodisfaw kull rekwiżit li ġej: | assoċjazzjonijiet għandu jkollhom id-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 biss jekk, meta tiġi ppreżentata l-azzjoni u għad-durata tal-azzjoni, dawn ikomplu jissodisfaw kull rekwiżit li ġej: |
| (a) ikunu kostitwiti sew skont il-liġi ta' Stat Membru; | (a) ikunu kostitwiti sew skont il-liġi ta' Stat Membru u jkollhom liċenzja valida ta' entità kkwalifikata maħruġa mill-korp pubbliku rilevanti ta' dak l-Istat Membru; |
| (b) ikunu qed isegwu għanijiet li huma fl-interess kollettiv tal-grupp ta' utenti kummerċjali jew utenti ta' siti web korporattivi li jirrappreżentaw; | (b) ikunu qed isegwu għanijiet, iddikjarati pubblikament fl-istatut tagħhom jew dokument ta' governanza rilevanti ieħor, li huma fl-interess kollettiv tal-grupp ta' maġġoranza ta' utenti kummerċjali jew utenti ta' siti web korporattivi li jirrappreżentaw, liema grupp jeħtieġlu jikkonsisti f'mill-inqas 10 utenti kummerċjali jew utenti tas-siti web korporattivi indipendenti; |
| (c) ikunu mingħajr skop ta' qligħ. | (c) ikunu mingħajr skop ta' qligħ u jkunu trasparenti dwar is-sors tal-finanzjament għat-tressiq u t-tkomplija tal-azzjoni u jkunu jistgħu juru li għandhom biżżejjed riżorsi finanzjarji biex jirrappreżentaw l-aħjar interessi tan-negozju jew tal-utenti ta' siti web korporattivi tagħhom u biex iħallsu kwalunkwe spiża avversa f'każ li l-azzjoni ma tirnexxix; |
| | ***(ca) ikollhom struttura ta' governanza li tipprevedi l-indipendenza minn partijiet terzi u jkollhom proċedura interna biex tipprevjeni l-kunflitt ta' interess, f'każ ta' finanzjament irċevut minn partijiet terzi;*** |
| | ***(cb) ikunu trasparenti dwar is-sors tal-finanzjament tagħhom;*** |
| | ***(cc) ikollhom biżżejjed riżorsi finanzjarji u riżorsi umani, kif ukoll għarfien espert legali biex jirrappreżentaw l-aħjar interessi tal-utenti kummerċjali jew tal-utenti ta' sit web korporattiv tagħhom;*** |
| Fl-Istati Membri fejn hemm stabbiliti dawn il-korpi pubbliċi, dawk il-korpi pubbliċi għandu jkollhom id-dritt imsemmi fil-paragrafu 1, fejn huma responsabbli biex | Fl-Istati Membri fejn hemm stabbiliti dawn il-korpi pubbliċi, dawk il-korpi pubbliċi għandu jkollhom id-dritt imsemmi fil-paragrafu 1, u għandhom ikunu intitolati li |

jiddefendu l-interessi kollettivi tal-utenti kummerċjali jew tal-utenti ta' siti web korporattivi, jew biex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat.

joħorġu l-liċenzja meħtieġa lil organizzazzjoni jew assoċjazzjoni, fejn huma responsabbli biex jiddefendu l-interessi kollettivi tal-utenti kummerċjali jew tal-utenti ta' siti web korporattivi, jew biex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat.

***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet jew l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi jagħmlu r-rapporti ta' attività annwali disponibbli għall-pubbliku. Dawk ir-rapporti għandhom jinkludu mill-inqas l-informazzjoni li ġejja li hija relatata kemm mal-azzjonijiet rappreżentattivi nazzjonali kif ukoll ma' dawk transfruntiera;***

***(a) l-għadd ta' azzjonijiet li jkunu tnedew u t-tipi ewlenin ta' lmenti li jkunu tressqu;***

***(b) l-għadd (ir-rata jew il-perċentwal) ta' deċiżjonijiet tal-qorti favur utent kummerċjali jew utenti ta' siti web korporattivi;***

***(c) l-għadd (ir-rata jew il-perċentwal) ta' azzjonijiet rappreżentattivi li jkunu ġew imwaqqfa u, jekk magħrufa, ir-raġunijiet għat-twaqqif tagħhom;***

***(d) il-ħin medju meħud biex tinstab soluzzjoni għal azzjoni rappreżentattiva;***

***Meta korp pubbliku ta' Stat Membru joħroġ liċenzja ta' entità kkwalifikata lil organizzazzjoni jew assoċjazzjoni, dak il-korp pubbliku għandu jkun responsabbli biex jirrevedi b'mod regolari l-istatus u l-imġiba ta' dik l-organizzazzjoni jew l-assoċjazzjoni biex jiżgura li din qed tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu. Il-korp pubbliku tal-Istat Membru għandu jirrevoka b'mod immedjat il-liċenzja ta' entità kkwalifikata ta' kwalunkwe organizzazzjoni jew assoċjazzjoni li tinstab mhux konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu.***

***Il-konformità minn organizzazzjoni jew assoċjazzjoni mal-kriterji msemmija f'dan***

| | |
|---|---|
| | ***il-paragrafu hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-qorti jew tal-awtorità amministrattiva li teżamina jekk l-għan tal-organizzazzjoni jew tal-assoċjazzjoni jiġġustifikax it-teħid ta' azzjoni min-naħa tagħha f'każ speċifiku f'konformità mal-paragrafu 1.*** |
| | ***2a. Id-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet imsemmija fid-Direttiva XXXX/XX/UE (referenza għad-Direttiva dwar l-azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u li tħassar id-Direttiva 2009/22/KE, (COM(2018)184)).*** |
| 3. Id-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-utenti kummerċjali u tal-utenti ta' siti web korporattivi biex jieħdu azzjoni individwali quddiem qrati nazzjonali kompetenti, skont ir-regoli tal-liġi tal-Istat Membru fejn tkun tressqet l-azzjoni, ħalli jindirizzaw xi nuqqas ta' konformità mill-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament. | 3. Id-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-utenti kummerċjali u tal-utenti ta' siti web korporattivi biex jieħdu azzjoni individwali quddiem qrati nazzjonali kompetenti, skont ir-regoli tal-liġi tal-Istat Membru fejn tkun tressqet l-azzjoni, ħalli jindirizzaw xi nuqqas ta' konformità mill-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament. |
| | ***3a. L-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu l-finanzjaturi terzi privati milli jirċievu kwalunkwe benefiċċju finanzjarju dirett jew indirett permezz tal-proċess ta' litigazzjoni jew deċiżjoni;*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ it-tfassil ta' kodiċijiet ta' kondotta mill-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online u mill-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentawhom, ***bil-ħsieb*** li jikkontribwixxu għall- | 1. Il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ it-tfassil ta' kodiċijiet ta' kondotta mill-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online u mill-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentawhom, ***flimkien mal-utenti kummerċjali u l-*** |

applikazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tad-diversi setturi li fihom jingħataw servizzi tal-intermedjazzjoni online, kif ukoll tal-karatteristiċi speċifiċi tal-intrapriżi mikro, żgħar u medji.

***organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentawhom,*** li ***huma maħsuba biex*** jikkontribwixxu għall-applikazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tad-diversi setturi li fihom jingħataw servizzi tal-intermedjazzjoni online, kif ukoll tal-karatteristiċi speċifiċi tal-intrapriżi mikro, żgħar u medji. ***B'mod partikolari, il-kodiċijiet ta' kondotta għandhom jindirizzaw l-interoperabbiltà, l-ostakoli għall-bdil u l-portabbiltà tad-dejta.***

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 13a*** |
| | ***L-awtoritajiet kompetenti u l-infurzar*** |
| | ***1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti fil-livell nazzjonali, li għandha tkun responsabbli għall-monitoraġġ u għall-infurzar tal-konformità ma' dan ir-Regolament u għandu jkollha s-setgħat li ġejjin:*** |
| | ***(a) li tibda u twettaq investigazzjonijiet fuq l-inizjattiva tagħha stess jew abbażi ta' lment;*** |
| | ***(b) li tirrikjedi lill-intermedjarji online u lill-fornituri tal-magni tat-tiftix online biex jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex twettaq l-investigazzjonijiet;*** |
| | ***(c) li tieħu deċiżjoni li tistabbilixxi ksur tal-projbizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament u tirrikjedi lill-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jew lill-fornitur tal-magna tat-tiftix online biex jieqaf iwettaq il-ksur;*** |
| | ***(d) li timponi multa pekunarja fuq il-fornitur. Il-multa għandha tkun effettiva, proporzjonata u dissważiva u tqies in-*** |

***natura, id-durata u l-gravità tal-ksur; u***

***(e) li tippubblika d-deċiżjonijiet tagħha u kull sena tirrapporta dwar l-attivitajiet tagħha skont dan ir-Regolament.***

***2. Utent kummerċjali, utent ta' sit web korporattiv jew organizzazzjoni jew assoċjazzjoni li jissodisfaw l-ewwel tliet rekwiżiti tal-paragrafu tal-Artikolu 12 jistgħu jindirizzaw lment quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rilevanti. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura, jekk l-ilmentatur jitlob dan, il-kunfidenzjalità tal-identità tal-ilmentatur u ta' kwalunkwe informazzjoni oħra, li fir-rigward tagħhom l-ilmentatur iqis li l-iżvelar jagħmel ħsara lill-interessi tiegħu. L-ilmentatur għandu jidentifika tali informazzjoni f'talba possibbli għall-kunfidenzjalità.***

***3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw ma' xulxin b'mod effettiv u jipprovdu assistenza reċiproka lil xulxin fl-investigazzjonijiet li jkollhom dimensjoni transfruntiera.***

***4. L-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, meta dawn ma jikkoinċidux, għandhom jipprovdu lil xulxin l-informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Fir-rigward tal-informazzjoni skambjata, l-awtorità riċeventi għandha tiżgura l-istess livell ta' kunfidenzjalità bħall-awtorità li tibgħat l-informazzjoni.***

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 13b*** |

| | |
|---|---|
| | ***Il-liġi applikabbli u l-ġurisdizzjoni*** |
| | ***F'kuntratti konklużi minn utenti kummerċjali li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom fi Stat Membru, jew meta l-eżekuzzjoni tal-kuntratt tkun se ssir fi Stat Membru wieħed jew aktar, għandu japplika dan li ġej:*** |
| | ***(a) il-protezzjoni mogħtija lill-utenti kummerċjali f'dan ir-Regolament għandha tapplika irrispettivament mil-liġi applikabbli għal aspetti oħra tal-kuntratt b'għażla tal-partijiet jew mod ieħor; u*** |
| | ***(b) sakemm il-kuntratt ma jinkludix ir-regoli ta' dan ir-Regolament, l-għażla ta' qorti kompetenti għandha tkun valida biss jekk din taħtar qorti:*** |
| | ***(i) fl-Istat Membri fejn l-utent kummerċjali għandu r-residenza abitwali tiegħu; jew*** |
| | ***(ii) fi Stat Membru fejn se ssir l-eżekuzzjoni tal-kuntratt.*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 13c*** |
| | ***Informazzjoni meħtieġa mingħand il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-awtoritajiet kompetenti biex jimmonitorjaw u jinfurzaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, biex jassistu lill-Kummissjoni fit-tfassil ta' Linji Gwida kif stipulat fl-Artikolu 6 u biex jappoġġjaw ir-rwol tal-Osservatorju fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, stabbilit fl-Artikolu 2 tad-*** |

*Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2018 dwar l-istabbiliment ta' grupp ta' esperti għall-Osservatorju dwar l-Ekonomija tal-Pjattaformi Online.*

*2. Tali rekwiżiti tal-informazzjoni għandhom jinkludu:*

*(a) il-parametri ewlenin li jiddeterminaw l-ikklassifkar tal-offerti u l-importanza relattiva tagħhom ippreżentati lill-konsumatur b'riżultat tar-rikjesta tat-tiftix tiegħu;*

*(b) jekk il-parti terza li toffri l-prodotti, is-servizzi jew il-kontenut diġitali hijiex negozjant, abbażi tad-dikjarazzjoni ta' dik il-parti terzi lill-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online;*

*(c) jekk id-drittijiet tal-konsumatur li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-konsumatur japplikawx għall-kuntratt konkluż;*

*(d) jekk il-kuntratt huwiex konkluż ma' negozjant, liema negozjant huwa responsabbli biex jiżgura l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-konsumatur li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-konsumatur b'rabta mal-kuntratt. Dan ir-rekwiżit huwa mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà li l-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online jista' jkollu jew jista' jassumi fir-rigward ta' elementi speċifiċi tal-kuntratt; u*

*(e) jekk u kif intużaw l-algoritmi jew il-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati, biex jiġu ppreżentati l-offerti jew jiġu ddeterminati l-prezzijiet, inklużi tekniki tal-ipprezzar ippersonalizzati. Fil-liġi nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu rekwiżiti tal-informazzjoni u regoli dwar ir-responsabbiltà addizzjonali għall-kuntratti konklużi f'postijiet tas-suq online.*

*3. Meta tintalab, l-intrapriżi għandhom jipprovdu tali informazzjoni minnufih u f'konformità mal-perjodi ta' żmien u l-livell ta' dettall meħtieġ. L-*

| | |
|---|---|
| | ***informazzjoni mitluba għandha tkun proporzjonata għall-prestazzjoni ta' dak il-kompitu. L-awtorità kompetenti għandha tagħti r-raġunijiet li jiġġustifikaw it-talba tagħha għall-informazzjoni.*** |
| | ***4. Meta l-informazzjoni titqies kunfidenzjali mill-awtorità kompetenti skont ir-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità tal-kummerċ jew il-protezzjoni tad-dejta personali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw tali kunfidenzjalità.*** |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 13d;*** |
| | ***Ir-regoli dwar ir-responsabbiltà*** |
| | ***Is-servizzi tal-intermedjazzjoni online u mhux l-utenti kummerċjali għandhom jinżammu responsabbli għal informazzjoni qarrieqa li l-utenti kummerċjali jkunu taw lis-servizzi tal-intermedjazzjoni online, jekk l-utent kummerċjali jkun innotifika lis-servizz tal-intermedjazzjoni online dwar in-natura qarrieqa tal-informazzjoni mogħtija. Is-servizzi tal-intermedjazzjoni online jenħtieġ li jinżammu responsabbli wkoll jekk dawn ikunu l-awturi ta' dikjarazzjonijiet qarrieqa fir-rigward tal-utenti kummerċjali jew tal-prodotti u tas-servizzi offruti mill-utenti kummerċjali.*** |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafi 1 u 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sa ***[date**: **three years after the date of entry into force]***, u mbagħad kull ***tliet snin***, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. | 1. Sa ***[data**: **sentejn wara d-dħul fis-seħħ]***, u mbagħad kull ***sentejn***, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. ***Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġislattiva biex jiġi emendat dan ir-Regolament, b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-paragrafu 2.*** |
| 2. ***L-ewwel evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament*** għandha ***ssir, b'mod partikolari, bil-ħsieb li tiġi evalwata l-konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5, 6, 7 u 8, u l-impatt tagħhom fuq l-ekonomija tal-pjattaformi online, u dwar jekk hemmx bżonn regoli addizzjonali, inkluż rigward l-infurzar, biex jiżguraw ambjent tan-negozju online ġust, prevedibbli, sostenibbli u affidabbli fis-suq intern.*** | 2. ***Ir-reviżjoni*** għandha ***tal-anqas tinkludi l-valutazzjoni ta':*** |
| | ***(a) l-effikaċja ta' dan ir-Regolament, inklużi l-limiti definiti fil-paragrafi 4 sa 6 tal-Artikolu 1;*** |
| | ***(b) l-effikaċja tal-kodiċijiet ta' kondotta stabbiliti biex jittejbu l-korrettezza u t-trasparenza;*** |
| | ***(c) il-ħtieġa li jiġu indirizzati b'mod aktar effikaċi l-prattiki potenzjalment dannużi fit-tranżazzjonijiet kummerċjali bejn il-magni tat-tiftix online u l-utenti kummerċjali tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwistjonijiet identifikati fl-Artikolu 2(b) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2018)2393 dwar it-twaqqif ta' grupp ta' esperti għall-Osservatorju dwar l-Ekonomija tal-Pjattaformi Online;*** |
| | ***(d) l-impatti possibbli fuq il-konsumaturi ta' prattiki potenzjalment dannużi;*** |
| | ***(e) il-ħtieġa li jiġu inklużi sistemi*** |

| | |
|---|---|
| | ***operattivi fl-ambitu ta' dan ir-Regolament;*** |
| | ***(f) il-ħtieġa li tiġi aġġornata l-lista ta' prattiki kummerċjali inġusti.*** |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Dan għandu japplika minn ***[date**: **six months following the day of its publication].*** | 2. Dan għandu japplika minn ***[data**: **tnax-il xhar wara d-data tal-pubblikazzjoni tiegħu].*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Anness I (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Anness I*** |
| | ***Prattiki kummerċjali inġusti*** |
| | ***It-termini u l-kundizzjonijiet għandhom jitqiesu bħala prattika kummerċjali inġusta skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament jekk dawn*** |
| | ***– jirrikjedu lill-utent kummerċjali juża s-servizzi anċillari tal-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online, inklużi servizzi ta' ħlas, mingħajr l-għażla li juża kwalunkwe metodu alternattiv ieħor f'ċirkostanzi fejn dan iwassal għal detriment sostanzjali fil-konfront tal-utent kummerċjali;*** |
| | ***– jimponu fuq l-utent kummerċjali klawżola ta' responsabbiltà unilaterali li tikkawża trasferiment inġust tar-riskju;*** |
| | ***– jimponu klawżoli kuntrattwali retroattivi li jkunu ta' detriment għall-utent kummerċjali.*** |

– *iżommu d-dritt legali li tintuża l-informazzjoni kunfidenzjali tal-utent kummerċjali wara li jkun skada l-kuntratt bejn il-fornitur tas-servizzi intermedjarju online u l-utent kummerċjali.*

– *jirrikjedu lill-utenti kummerċjali jaċċettaw klawżoli ta' esklużività fir-rigward tal-għażla tal-liġi li ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni tal-Unjoni;*

– *jipprojbixxu lill-utent kummerċjali milli juża wkoll servizz tal-intermedjazzjoni online kompetittiv.*

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online |
| **Referenzi** | COM(2018)0238 – C8-0165/2018 – 2018/0112(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | IMCO<br>28.5.2018 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>28.5.2018 |
| **Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | 13.9.2018 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Francis Zammit Dimech<br>9.7.2018 |
| **Eżami fil-kumitat** | 24.9.2018 11.10.2018 |
| **Data tal-adozzjoni** | 20.11.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 24<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Max Andersson, Joëlle Bergeron, Jean-Marie Cavada, Kostas Chrysogonos, Mady Delvaux, Laura Ferrara, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Gilles Lebreton, António Marinho e Pinto, Emil Radev, Julia Reda, Evelyn Regner, Pavel Svoboda, József Szájer, Axel Voss, Francis Zammit Dimech, Tadeusz Zwiefka |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Geoffroy Didier, Pascal Durand, Jytte Guteland, Virginie Rozière, Kosma Złotowski |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 24 | + |
|---|---|
| ALDE | Jean-Marie Cavada, António Marinho e Pinto |
| ECR | Sajjad Karim, Kosma Złotowski |
| EFDD | Joëlle Bergeron, Laura Ferrara |
| ENF | Gilles Lebreton |
| GUE/NGL | Kostas Chrysogonos |
| PPE | Geoffroy Didier, Emil Radev, Pavel Svoboda, József Szájer, Axel Voss, Francis Zammit Dimech, Tadeusz Zwiefka |
| S&D | Mady Delvaux, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Jytte Guteland, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Evelyn Regner, Virginie Rozière |
| VERTS/ALE | Max Andersson, Pascal Durand, Julia Reda |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

It-tifsira tas-simboli:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni